Settembru 2013 • Vol 20 • Nru. 3

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



## Fil-Paġni ta' ġewwa

- Il-Korp tal-Pulizija jniedi pagna tal-Facebook
- Re-instatements fil-Korp
- Pulizija mis-Sezzjoni tat-traffiku rikonoxxuti
- Jum il-Pulizija 2013

u aktar...

*Newspaper Post*

Advert inside Front

Settembru 2013 • Vol 20 • Nru. 3

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ




Qoxra: Quddiesa ġewwa l-Kon-Katidral ta' San Ġwann nhar Jum il-Pulizija

Ritratt: Ps 1147 Antoine Fenech Sezzjoni tal-Fotografija


5 Editorjal

7 Reinstatements ta' sebgħa u għoxrin Pulizija

9 Pulizija mis-Sezzjoni tat-traffiku rikonoxxuti talli marru lil hinn minn xogħlhom

10 Il-Klieb fl-użu tal-Forza

16 Bank Jagħti Sponsorship ta' Tlett Snin lis-Sezzjoni tal-Klieb

19 Il-Korp tal-Pulizija jniedi paġna tal-Facebook

21 Cartoon - Mill-Ispettur Saviour Baldacchino CID

23 Internship Programme

27 Jum il-Pulizija – 12 ta' Lulju 2013 Għoti ta' Midalji u Ċertifikati

31 Ritratti - Fl-Okkazjoni tal-199 sena mit-twaqqif tal-Korp

39 Paġna għat-Tfal

41 Is-Serqa tal-pagi tat-Tarzna - *It-tieni parti*

44 Apprezzamenti u kommendazzjonijiet tal-Pulizija

48 L-ewwel edizzjoni tal-Malta Police Day Anniversary Cup

53 Mill-Isfont sa mat-Tieni Ċentinarju - *It-Tielet Parti*

57 International Police Association

60 Malta Association of Retired Police Officers60

62 Mejtin


10



23



31



53




IL-PULIZIJA

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supretendent Mario Spiteri
**Editur:** Assistent Kummissarju Antoine Casha
**Membri:** WPS 101 Roberta Grima
WPC 25 Charlene Cilia
PC 256 Kurt Bugeja Coster
Supt Antonello Grech

**Il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000
jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS - TARXIEN

Advert

## Editorjal

Forsi diġa' smajtu li bħala Stat Membru tal-Unjoni Ewropeja (UE), Malta se jkollha l-Presidenza tal-Kunsill tal-UE bejn Jannar u Ġunju 2017. X'inhu dan il-Kunsill? Il-Kunsill huwa magħmul mill-Ministri tal-Istati Membri u jiltaqa' f'għaxar konfigurazzjonijiet differenti li jiddependu mis-suġġetti li jkunu qed jiġu diskussi. Per eżempju, il-konfigurazzjoni "Affarijiet Barranin" hija magħmula mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin, il-konfigurazzjoni "Ġustizzja u Affarijiet Interni" mill-Ministri tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, eċċ.

Il-ħidma kollha tal-Kunsill hija mħejjija jew hija kko-ordinata mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER), magħmul mir-rappreżentanti permanenti tal-Istati Membri li jaħdmu fi Brussell. Il-ħidma ta' dan il-Kumitat hija mħejjija minn aktar minn 150 kumitat u grupp ta' ħidma li jikkonsistu minn delegati mill-Istati Membri.

Dan ix-xogħol tal-Kunsill ta' l-UE irid jiġi kkordinat max-xogħol ta' żewġ istituzzjonijiet oħra importanti ta' l-UE, jiġifieri l-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropeja. Mhux se nidħlu fid-dettalji ta' kif taħdem l-UE, iżda kif wieħed jista' malajr jinduna dan huwa proċess kumplikat u delikatt biex wieħed isib bilanċ u kompromess ta' diversi interessi (xi kultant kontrastanti) tal-iStati Membri (28), l-Parlament Ewropew, l-Kummissjoni Ewropeja u lobby groups numerużi li kollha jħarsu lejn l-interessi tagħhom.

Għalkemm jidher li s-sena 2017 għada 'l bogħod, Malta, inkluż il-Korp tal-Pulizija, trid tibda minn issa taħseb u tipprepara għal din ir-responsabbilita` kbira. Dan ix-xogħol preparatorju ma jistax isir biss mill-lat tal-aġendi tal-laqgħat li jridu jsiru u ħwejjeġ oħra loġistiċi, iżda ukoll mill-lat ta' sigurta għal diversi laqgħat li se jsiru f'Malta waqt dan il-perjodu.

L-apparat u t-taħriġ neċessarju ma jsirux mil-lum għal għada – irridu nibdew naħsbu minn issa. Jidher li l-amministrazzjoni tal-Korp qed tieħu din l-isfida bis-serjeta` dovuta u diġa' bdew xi preparamenti għal dan il-għan. Ma dan hemm bżonn l-impenn ta' kull wieħed u waħda minna biex dan l-avveniment ikun ta' suċċess għal pajjiżna u l-Korp tal-Pulizija joħroġ bl-unuri kif dejjem għamel f'okkazzjonijiet simili.

# Advert

Advert

# Reinstatements ta' sebgħa u għoxrin Pulizija

minn WPS 101 Roberta Grima – CMRU



Nhar id-19 ta' Lulju 2013, il-Korp tal-Pulizija żied f'dik li nafuha aħna bħala l-*istrenght*, u dan peress li l-Korp reġa' laqa' lura fi ħdanu 27 membru. Erba' Surġenti, ħdax-il Kuntistabbli rġiel u żewġ Kuntistabbli nisa ġew *re-instated* fil-Korp. Kuntrarjament għal dak li qrajna f'xi *blogs* jew *comment boards* fuq l-internet, uħud minn dawn kienu spiċċaw u oħrajn irriżenjaw.

F'ċerimonja nformali f'Sala ġewwa l-*Officers Mess* ittieħed ġurament kollettiv. Mill-ġdid dawn is-27 persuna reġgħu ħadu l-ġurament li wħud minnhom kienu diġa' ħadu 'il fuq minn 25 sena qabel. Ta' min ifakkar li waqt il-ġurament wieħed iwiegħed lealta' lejn ir-Repubblika u l-Kostituzzjoni ta' Malta. Wara l-ġurament kien imiss jiġu aċċettati l-kundizzjonijiet kollha tas-servizz u jiġu ffirmati xi dokumenti.

Sebgħa u għoxrin persuna li sa ftit mumenti qabel kienu pajżana saru membri tal-Korp tal-Pulizija, min fir-rank ta' Surġent u min fir-rank ta' Kuntistabbli. Kien hawnhekk li l-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Peter Paul Zammit, għamel id-diskors tiegħu li għalkemm kien informali, wassal il-messaġġ tiegħu. Is-Sur Zammit qal kif huma diġa' jafu 'l-Korp x'kien joffri, semma' ukoll kif meta jitlaq Pulizija, speċjalment jekk ikollu ammont ta' snin ta' servizz, il-Korp jitlef membru li jkollu esperjenza li jkun ġabar matul is-snin.

Il-Kummissarju saħaq kif huwa bi ħsiebu juża din l-esperjenza li lkoll għandhom. Huwa tenna ukoll li għad baqalhom x'jitgħallmu sabiex il-Korp jimxi 'l quddiem.

Is-Sur Zammit għalaq iċ-ċerimonja qasira li saret billi rringrazzja lil dawn il-Pulizija talli reġgħu ngħaqdu fil-Korp tal-Pulizija.

roberta.a.grima@gov.mt

Advert

# Pulizija mis-Sezzjoni tat-traffiku rikonoxxuti talli marru lil hinn minn xogħlhom

minn Wpc 176 Sloune Gatt Fabri - CMRU

Riċentament, erba' Pulizija mis-sezzjoni tat-Traffiku ġew rikonoxxuti billi ngħataw ċertifikat ta' mertu talli marru lil hin minn dak li huwa x-xogħol tagħhom f'żewġ okkazzjonijiet differenti.



Is-Surġent Maġġur 888 Dunstan Camilleri, is-Surġent 1437 Norman Xuereb u l-Kuntistabbli 1256 Simon Schembri ddevjaw minn xogħlhom sabiex jeskortaw mara li kienet imminenti li twelled waqt li l-vettura li kienet fiha, kienet maqbuda fit-traffiku waqt ir-rush hour ta' filgħodu.

Nhar is-26 ta' Ġunju, f'ġurnata sħuna, PC 1256 kien mgħarraf permezz tar-radju li raġel ta' 42 sena u martu ta' 33 sena li kienet qiegħda tistenna tarbija, kienu talbu għall-ambulanza meta rrejalizzaw li ma kinux se jilħqu jaslu l-isptar fil-ħin. Għalhekk PC 1256 iddeċieda li jsuq lejn Triq Garibaldi, Ħal Luqa fejn kienet il-koppja.



Bilkemm kien għadu telaq mir-rotta tal-patrol tiegħu, meta lemaħ il-vettura tal-koppja li kienet fl-akkwati taż-Żona Industrijali tal-Marsa. Hekk kif ra l-mara f'isteriżmu kbir, ma ħasibiex darbtejn biex ħalla l-mutur tas-servizz mal-ġenb tat-triq u kkonvinċa lir-raġel biex joqgħod bilqegħda ħdejn martu fuq wara tal-vettura ħalli hu jkun jista' jsuqhom lejn l-isptar.

B'ħeffa huwa saq lejn l-isptar Mater Dei, skortat mis-Surġent Maġġur 888 u mis-Surġent 1437 li kienu marru jassistuh ftit wara.

Ftit minuti wara l-mara welldet tifel b'saħħtu.

Sadanittant, PC 1539 Michael Farrugia ukoll mis-sezzjoni tat-traffiku kien rikonoxxut għall-manuvra li għamel sabiex salva tifla ta' sena w nofs li aċċidentalment issakkret f'karozza pparkjata f'xemx tiżreġ.

Nhar il-15 ta' Lulju 2013, għal ħabta tal-10:10 a.m., PC 1539 inzerta kien qiegħed fuq ronda fil-viċinanzi tal-knisja parrokkjali ta' San Publiju, l-Furjana, meta ltaqa' ma' kommozzjoni madwar vettura tal-għamla Hyundai i10. Il-vettura kienet ipparkjata fi Triq San Publiju kantuniera ma' Triq San Tumas.



Hekk kif waqaf biex jara x'ġara, huwa ġie avviċinat minnanna u omm it-tarbija li kienet imsakkra fil-vettura. Fi stat ta' paniku, dawn bdew jitolbu għall-għajnuna minħabba li kienu nsew iċ-ċavetta tal-vettura msakkra ġo fiha stess.

Kif ittawwal ġol-vettura, PC 1539 ra tarbija tibki u tixher. Hija kienet marbuta f'car seat fuq wara tal-vettura. Kif ra hekk, il-Kuntistabbli ħares madwaru sabiex jara x'seta' jagħmel u nnota raġel li kien qiegħed juża martell. Għalkemm dan ir-raġel kien diġa` pprova jkisser il-quarter window tal-vettura iżda ma rnexxielux, PC 1539 ma qatax qalbu.

Huwa ħeġġeġ lin-nanna sabiex tipprova taljena lit-tifla biex tħares lejn in-naħa l-oħra u hekk kif it-tarbija daret, huwa kisser il-ħġieġa tat-tieqa u b'hekk it-tifla setgħet tiġi salvata.

sloune.fabri@gov.mt

# Il-Klieb fl-użu tal-Forza

minn PS 41 Matthew Attard

L-ewwel opportunita' li kelli biex nagħti s-sehem tiegħi f'dan il-magażin kien dwar ġrajjiet mill-istorja tas-Sezzjoni tal-Klieb. F'dik il-ħarġa kelli l-opportunita' li niftaħ tieqa biex insiru nafu aktar dwar din is-Sezzjoni. Kellna wkoll artiklu dwar il-klieb tat-tfittxija, kemm ta' materjal splussiv kif ukoll ta' drogi. F'din il-ħarġa jmiss li nitkellmu dwar l-aħħar sezzjoni hekk magħrufa bħala tal-protezzjoni.



Grazzi għall-opportunita' li tagħni l-Korp kif ukoll il-Frontex qed nattendi kors sabiex insir *instructor* f'dan il-qasam. Dan huwa taħriġ fejn qed nitgħallem b'mod professjonali t-teoriji, metodi, għodda u tattiċi ġodda li jgħinuni nifhem aktar dan il-qasam li hu kumpless fin-natura tiegħu. Fil-fatt f'ħafna pajjiżi din is-sezzjoni mhijiex magħrufa bħala tal-protezzjoni imma bħala tal-użu ġenerali (*general purpose dogs*) għaliex jinkludi ukoll tfittxijiet għal persuni jew oġġetti b'rieħa umana u saħansitra *tracking*. Dawn it-tfittxijiet kumplessi isiru f'kull ambjent li wieħed jista jimmaġina bħal foresti, binjiet u mezzi tat-trasport. Dawn il-klieb għandhom użu speċifiku f'dawk il-pajjiżi li għandhom fruntieri x'jipproteġu madwar pajjiżhom minn fuq l-art, fejn iwettqu tfittxijiet kontinwi għal persuni li jippruvaw jaqsmu l-pajjiż b'mod illegali b'ħafna metodi differenti; ngħidu aħna, moħbija f'mezzi tat-trasport, merkanzija u ħafna metodi oħra. Jien mhux qed nagħmel dan it-taħriġ waħdi imma miegħi qed ikun hemm l-aħħar akkwist fis-sezzjoni tagħna, il-kelb bl-isem Axe tar-razza Malinios (*Belgian Shepherd*) importat mill-Awstrija. Flimkien ma' Axe qed naħdmu biex flimkien nilħqu l-għan tagħna, kemm bħala taħriġ għalija u kemm għall-kelb inniffsu fl-użu ġenerali fi ħdan is-sezzjoni tagħna u hemm pjanijiet biex ikollna aktar klieb ġejjin għall-istess użu.



Ser inkompli billi nitkellem dwar ix-xogħol eżatt tal-klieb għall-użu tal-forza u xogħol relatat ieħor, kif ġa għamilt aċċenn għalih.

**L-Għażla tajba tal-kelb**

Ma nistax ma nibdiex billi ma nsemmiex l-importanza tal-għażla tal-kelb. Jekk wieħed irid imur ittellaq f'tiġrija tażżwiemel ma jistax jmur ittellaq bi ħmar li tirnexxi huwa kważi impossibbli. Kull taħriġ jirrikjedi fi kwalitajiet fiżiċi u mentali skond il-bżonn ta' taħriġ li tkun qed tagħmel u dan mhux b'inqas fit-taħriġ tal-klieb speċjalment f'dan il-qasam. L-għażla tal-kelb kemm fil-karateristiċi ta' razza u kwalitajiet oħra huma fundamentali biex ikollok suċċess fil-livell ta' servizz li l-kelb se jkun mitlub jagħmel. Fost l-aktar razez popolari f'dan il-qasam insibu l-*Malinios Belgian Shepherd*, il-*German Shepherd*, id-*Dutch Shepherd* u xi ftit *Rottweilers*, għalkemm nista' ngħid li l-aktar popolari fost il-pajjiżi kollha huma l-*Malinios* li barra li għandhom kwalitajiet fiżiċi u stamina tajba għandhom '*working drives*' impekabbli. Ma nistax ma nsemmix ukoll it-taħlit tar-razez *Malinios* mal-*German Shepherd* li huma popolari wkoll, fejn hawn min jemmen li jagħmlu kombinazzjoni tajba. Il-fiżika tal-kelb trid tkun proporzjonata tajjeb li toffri stamina, aġilita' u rata baxxa ta' mard. L-istat mentali tal-kelb irid ikun bilanċjat fejn joffri inizzjattivi, motivazzjoni, interess u

Advert

Advert

kooperazzjoni li jaħdem mal-persuna umana, ma' annimali oħra u f'ambjenti u ċirkostanzi differenti.

**X'jirrikjedi l-użu tal-Forza**

Il-kelb fl-użu tal-forza għandu għan speċifiku ħafna li jrid jaħdem f'ħafna ċirkostanzi speċifiki fejn qed jassisti l-uffiċjal fiż-żamma tal-ordni kemm waqt ċirkostanzi varji jew saħansitra bħala prekawzjoni. Il-kelb mhux xi magna mekanizzata għall-użu tal-forza, bħal xi arma tan-nar u tiċċekkja li għandek il-munizzjon u ttiha manutenzjoni, peress li tintuża minn persuni differenti. Il-kelb fl-użu tal-forza huwa xi ħaġa ħajja fejn jifforma parti minn tim flimkien mal-*handler* tiegħu. Kull kelb għandu *handler* assenjat miegħu biss. Ir-relazzjoni li trid tinbena bejn il-kelb u sidu hija importanti ħafna, bħal żewġt iħbieb li anke b'ħarsa jridu jiftehmu. Iridu jibnu relazzjoni soda fejn wara li r-regoli jkunu stabbiliti, isibu koperazzjoni, sapport, fiduċja, wens u sigurta' f'xulxin.

Fejn tidħol l-użu tal-forza, wieħed ma' jistax jkun jaf illat tekniku u t-taħriġ fit-taqsima tal-klieb biss imma trid iżżomm f'moħħok ħafna fatturi oħra bħal liġijiet internazzjonali, liġijiet lokali, id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u drittijiet tal-annimali. Għal dawn ir-raġuniiet nerġa' nsostni kemm ix-xogħol huwa kumpless. Fin-natura tiegħu t-taħriġ fl-użu tal-klieb tal-forza jrid ikun mibni fuq dawn il-fatturi kollha, li tħarreġ kelb li jista' jaħdem kopert (*covered*) mill-qasam legali u fi ħdan il-Korp. Wieħed forsi jistaqsi, f'liema ċirkostanzi l-kelb fl-użu tal-forza jista' jintuża? It-tweġiba mhux f'kull ċirkostanza hija waħda faċli. Wieħed jista' jwieġeb b'mod ġenerali li l-forza trid tkun dejjem proporzjonata u wara li kull tentattiv u twissijiet oħra ikunu fallew. L-iktar sitwazzjoni komuni





hija fejn hemm periklu ċar għal-terzi persuni jew għall-persuna nnifisha b'użu ta' xi forma ta' arma. Dawn il-klieb jintużaw ukoll għal kontroll tal-massa jew saħansitra anke f'rewwixxti. Jintużaw ukoll għall-protezzjoni ta' persuni importanti u f'rondi mal-postijiet fejn ikunu qed jabitaw dawn l-istess persuni. Ma nistax ma nsemmix ukoll l-użu f'avvenimenti kbar bħal-Elezzjoni Ġenerali u konferenzi ta' ċertu importanza, bħal ma kellna fl-2005 – iċ-CHOGM. Niġu msejħa wkoll biex nassistu fejn ikun qed isir logħob tal-futball fi stadiums differenti madwar Malta. Ma jonqosx ukoll il-parteċipazzjoni f'diversi wirjiet li nagħmlu bħala sezzjoni. Dawn il-wirjiet jilħqu l-milja tagħhom fil-ġimgħa deddikata lill-Pulizija. Ġimgħa ta' attivitajiet li tant tkun mistennija mill-pubbliku inġenerali.

**L-Ubidjenza u l-Aġilita'**

Fatturi essenzjali fit-taħriġ tal-klieb huma ukoll l-ubidjenza u l-aġilita'. It-taħriġ kollu jinvolvi fih xi forma jew forom varji ta' ubidjenza u/jew aġilita'. L-ubidjenza trid tkun waħda tajba f'kull ċirkostanza li tiġi mitluba. Il-*handler* irid ikollu kontrol assolut fuq l-imġieba tal-kelb tiegħu. Forsi jkun hemm min jaħseb li biex ikollok kelb ubidjenti trid tkun *strict* ħafna jew saħansitra krudili. Fil-passat kien hemm skola ta' taħriġ li kienu jemmnu dan, iżda illum it-taħriġ inbidel u sar wieħed iktar mibni fuq il-pożittiv. Jekk kelb ma jobdiex ma jiġix ikkastigat iżda jekk jagħmel dak li huwa mixtieq minnhu jiġi ppremjat. Dan huwa l-bażi, fil-waqt li qed jiġu mħarsa d-drittijiet tal-annimal, tkun qed tinbena ukoll relazzjoni sabiħa mal-kelb. Kooperazzjoni toħloq livell għoli ta' xogħol u t-taħriġ ikun aktar faċli. Il-lum ma nħarsux lejn il-mexxej fil-parti ta' fuq tal-piramida li kollox jaqa' taħtu imma l-mexxej fiċ-ċentru ta' ċirku li jħares u jigwida lil dawk ta' madwaru. Fuqhekk għanda

tkun ibbażata relazzjoni u l-kontroll tal-imġieba u l-ubidjenza tal-kelb.

Forsi jkun hemm minn jistaqsi jekk hemmx lok għal kastig jew korrezzjoni. It-tweġiba tkun iva. Il-korrezzjoni trid tkun f'waqta' u ġusta. Il-kastig mhux dejjem joħloq forma ta' twiddiba imma jieħu forma differenti. Li kelb twaqqaflu attivita' ta' pjaċir huwa ta' kastig għalih. Bħala eżempju wieħed jista' jsemmi meta tkun qed tilgħab mal-kelb, u l-kelb jibda jilgħab goff, wieħed m'hemmx għalfejn juża xi forza biex iwaqqfu, imma billi l-*handler* jieqaf milli jilgħab miegħu. Meta l-kelb jobdi jiġi ppremjat, anke b'konferma bil-leħen. Mingħajr ma nkun ħafna tekniku, din hija kollha teorija psikoloġika li tintuża' anke mill-edukaturi u l-kuraturi tat-tfal. Din it-teorija hija frott tal-istudju tax-xjenzat Amerikan B. F Skinner, *behaviorist*, li magħruf fost ħafna affarijiet għall-*Operant Condition Theory* fejn studja ħafna l-imġieba tal-annimali waqt esperimenti varji fosthom *The Skinner Box*. Kif wieħed jista' jara t-taħriġ tal-klieb fih ukoll ħafna teorija li trid tiġi studjata biex flimkien mal-prattika toħloq taħriġ professjonali.

**X'inhu l-għan aħħari?**

F'dan l-ispazju li kelli ma stajtx nidħol f'ħafna dettal iżda tajt ħarsa żgħira lejn din it-taqsima fi ħdan is-sezzjoni tal-klieb. L-għan aħħari tal-klieb fl-użu ġenerali jew dak tal-protezzjoni huwa li jkollna klieb ta' livell għoli fix-xogħol mitlub mis-Sezzjoni, id f'id mal-liġijiet u d-dmirijiet kollha. It-tagħlim bħal kull qasam ieħor huwa ċavetta biex nkomplu ngħollu l-livell tagħna u nkunu aktar professjonali. Taf kemm taf qatt mhu biżżejjed. Ma nistgħux ninqatgħu weħidna fit-taħriġ tal-klieb, l-esperjenzi u l-opportunita' li qed ikollna speċjalment mal-proġetti fi ħdan il-Frontex qed ikunu ta' ġid kbir biex insiru nafu taħriġ prattiku u studju tejoretiku ġdid li jkun ġie żviluppat minn xjenzati u persuni kwalifikati b'esperjenza kbira fil-qasam tal-klieb. Is-sezzjoni żgħira tagħna hija mibnija fuq din il-passjoni fejn ir-riżultat u livell għoli ta' taħriġ tal-klieb jagħtina l-akbar sodisfazzjon.

matthew.attard@gov.mt

# Vojta

Vojta

# Bank Jagħti *Sponsorship* ta' Tlett Snin lis-Sezzjoni tal-Klieb

minn PC 256 Kurt Bugeja Coster - CMRU
Ritratti: Korp tal-Pulizija ta' Malta

*Sponsorship* ta' €5,000 fis-sena għal tlett snin minn wieħed mill-akbar istituzzjonijiet finanzjarji tad-dinja, HSBC, se jagħti spinta lis-Sezzjoni tal-Klieb, taqsima indispensabbli, biex jipprovdi l-komunità bis-servizz uniku tiegħu.

Ranjit Gokarn, *Chief Operating Officer* tal-bank, ippreżenta l-*isponsorship* wara wirja mis-sezzjoni tal-Klieb fi Pjazza San Ġorġ, il-Belt Valletta, li fakkret l-anniversarju tal-Korp tal-Pulizija. Huwa awgura li r-relazzjoni bejn iż-żewġ organiżazzjonijiet tkompli għall-futur.

Il-Kummissarju tal-Pulizija Peter Paul Zammit, li tkellem waqt l-avveniment, esprima l-gratitudni tiegħu lejn il-bank għal din l-għajnuna.

Il-maġġoranza tal-*isponsorship* ser tintuża biex is-sezzjoni tkun armata b'aktar klieb li huma tant meħtieġa. €1,200 minnhom diġà ġew użati biex inxtara' kelb Malinois, magħruf aħjar bħala l-*Belgian Shepherd*, razza popolari u bieżla li tintuża minn sezzjonijiet tal-Pulizija tal-klieb madwar id-dinja.

Il-kelb, li għandu tmien xhur u kien imsemmi Axe, diġà' tħarreġ f'ħiliet ta' protezzjoni, kif setgħu jaraw dawk li kienu preżenti waqt il-wirja.

Minkejja l-iżvilupp kontinwu fit-teknoloġija, it-23 kelb tas-sezzjoni, li jinkludi l-aħħar akkwist, huma indispensabbli għall-Korp tal-Pulizija. Il-kwalitajiet uniċi li jikkontrollaw il-follol u jsibu d-droga u l-isplussiv huma kruċjali għaż-żamma tal-ordni u nvestigazzjonijiet.



Il-Kummissarju tal-Pulizija Peter Paul Zammit jirċievi l-*isponsorship* minn Ranjit Gokarn, *Chief Operating Officer* tal-HSBC.


Axe, l-aħħar rekluta tas-Sezzjoni tal-Klieb grazzi għal *sponsorship* mill-HSBC, juri l-ħiliet tiegħu waqt wirja li fakkret l-anniversarju tal-Korp tal-Pulizija.

kurt.bugeja-coster@gov.mt

Advert

Advert

# Il-Korp tal-Pulizija jniedi paġna tal-*Facebook*

minn PC 256 Kurt Bugeja Coster - CMRU

Hekk kif il-midja soċjali tkompli ssir parti mill-ħajja tal-lum, aġenziji tal-infurzar tal-liġi madwar id-dinja qed jisfruttaw din it-tendenza fi sforz biex jinteraġixxu direttament mal-komunità.

Kien għalhekk li l-Korp tal-pulizija nieda paġna fuq *facebook*, mezz li kull ma' jmur, qiegħed iżid fil-popolarità. Infatti, aktar min-nofs il-popolazzjoni qiegħed jagħmel użu mis-sit.

Il-paġna, li tnidiet propju fl-aħħar Jum il-Pulizija, mill-ewwel niżlet tajjeb mal-pubbliku u wara ftit aktar minn xahar stabbilixxiet ruħha bħala waħda mill-aktar paġni lokali li huma segwiti.

Dan kien riżultat tax-xogħol kontinwu li qiegħed isir mit-Taqsima tar-Relazzjoni mal-Komunità u l-Istampa, li ta kuljum iżommu l-pubbliku nfurmat b'dak li qiegħed jiġri, issa, filfatt, aktar minn qabel.

Infatti m'humiex biss aħbarijiet li qegħdin jittellgħu fuq il-paġna, imma anke għażla kbira t'aġġornamenti. Skond statistika tal-istess sit, dawn qegħdin jinqraw minn eluf ta' nies kuljum.

Però, biex dan ikompli jseħħ, nappella lil kull min jiltaqa' ma' xi ħaġa li taf tkun t'interess jinfurmana kemm jista' jkun malajr.

Barra minnhekk, xorta hemm bżonn t'aktar kontenut ġdid u, kemm jista' jkun, innovattiv biex b'hekk inkomplu nattiraw aktar nies lejn il-paġna. Għalhekk, inħeġġeġ lil min għandu xi kummenti jew suġġerimenti jgħaddihom lill-uffiċċju responsabbli.




Sal-aħħar sas-sena l-oħra, l-ammont ta' Maltin li jużaw *facebook* kien aktar minn nofs il-popolazzjoni u żewġ kwarti ta' dawk li jużaw l-*internet*.

Huma importanti li wieħed jinnota li l-paġna ta' *facebook* m'għandix tintuża biex wieħed jirraporta emerġenzi jew jagħmel xi rapport.

kurt.bugeja-coster@gov.mt

Advert

Advert

Mill-Ispettur Saviour Baldacchino CID






Advert

# Internship Programme

minn SM 1133 Joseph Borg

Għal dawn l-aħħar disa' snin, Malta kienet magħżula minn diversi korpi ta' Pulizija Ewropej, sabiex waqt li l-istudenti tagħhom ikunu għaddejjin minn studji Universitarji; qabel ma' jingħataw gradi għolja fi tmexxija jew f'xi qasam partikulari; jiġu f'pajjiżna sabiex jieħdu esperjenza ta' pajjiż ieħor Ewropej. Dawn il-gruppi ta' studenti li jiġu jżuruna jvarja bejn numru żgħir ta' tmienja sa anke ġieli tela' għal madwar ħmistax. Huma jagħżlu żminijiet differenti matul is-sena; jiddependi mill-programm tal-istudju tagħhom. Fost l-aktar nazzjonijiet li jagħżlu lil Malta, bħala l-ewwel preferenza (peress li ma tkunx tagħhom id-deċiżjoni finali fejn jintbgħatu), huma l-istudenti Ġermaniżi, Awstrijaċi, Olandiżi, Irlandiżi, Skoċċiżi u Ingliżi. Meta min-naħa tagħna f'Malta niġu nfurmati biż-żjara ta' dawn l-istudenti; jibda x-xogħol ta' preparazzjoni u kordinament mas-sezzjonijiet konċernati, inkluż ukoll id-distrett ta' Għawdex. Parti mill-preparamenti jinkludu d-diversi laqgħat u kuntatti ma' persuni fi ħdan il-Korp u oħrajn li bis-saħħa tagħhom dawn il-programmi dejjem kienu ta' suċċess. Ir-riżultat ta' din l-akkoljenza li jirċievu min-naħa ta' Malta tiġi espressa minn diversi ittri u korrispondenza uffiċjali li jibgħatu l-istudenti nfushom wara li jiggradwaw, kif ukoll mingħand l-ogħla awtoritajiet tal-korpi rispettivi. Is-sehem ta' Malta f'dan il-qasam jiġi rikonoxxut ukoll mill-membri ewlenin tal-Korp Diplomatiku rispettiv, fejn min-naħa tagħhom jinkorraġixxu korpi oħra sabiex jagħżlu lil pajjiżna biex iwettqu din il-parti tal-istudji tagħhom.

F'laqgħa nformali li kellna ftit ilu ma' wieħed mill-uffiċjali ko-ordinaturi għal dawn il-programmi ta' studju; li huwa wkoll lettur li jżur diversi Universitajiet madwar l-Ewropa, saħaq li Malta huwa wieħed mill-pajjiżi li l-istudenti tagħhom isibuh ferm interessanti u ppreparat f'dan il-qasam.



F'laqgha ta' merħba



F'laqgħa mal-Kumissarju tal-Pulizija



Fl-uffiċċju tal-I R U



Fi żjara f'waħda mill-għases



Taħdita fil-Mużew tal-Pulizija



Taħdita rigward il-Pulizija tal-Immigrazzjoni



Waqt il-Quddiesa solenni nhar Jum il-Pulizija

Kien hemm snin fejn laħaq kellna wkoll sa ma' tliet gruppi, maqsumin f'perjodi differenti, fl-istess sena. Gruppi oħra jiġu għal ftit taż-żmien u ċioe' bejn ġimgħa jew ftit aktar, jiddependi l-kors li jkunu qegħdin isegwu. Għal kull talba li ssir mill-kapijiet u kordinaturi barranin, eventwalment jibda l-proċess proċedurali sabiex tintlaqa' t-talba. Wara jitfassal il-programm uffiċjali min-naħa tagħna, li jkun jikkonsisti f'diversi laqgħat u lezzjonijiet rigward il-ħidma kurrenti tagħna, waqt li jiġi spjegat lilhom ċertu sistemi u proċeduri li fuqhom inkunu qegħdin nibbażaw il-ħidmiet tagħna, f'konformita' mal-liġijiet li jkunu fis-seħħ.

Isiru wkoll żjarat fis-sezzjonijiet u branki, fejn dawn l-istudenti jiġu murija u spjegat lilhom fid-dettal l-operat u l-ħidma tagħhom fl-oqsma partikulari. Inkluż fil-programm li nippreparaw għal dawn l-istudenti, ikun hemm il-parti tal-istorja, l-kultura u l-folklor Malti. Fejn waqt dawn iż-żjarat, li jintlaqgħu tajjeb ħafna minnhom,



Waqt iż-żjara fl-Imnajdra u Ħagar Qim



Waqt sezzjoni tal-A L E



Żjara ġewwa l-Parlament mal-Ispeaker flimkien mal-Ambaxx



Żjara f' Għawdex

jiġi nnotat b'interess kbir l-aspett etnoloġiku u l-ħajja tal-Maltin b'mod ġenerali.

Fi tmiem il-programm, l-istudenti jingħataw ċertifikat mill-Kummissarju tal-Pulizija li huwa wieħed mir-rekwiżiti fit-tkomplija tal-istudji tagħhom.

Qabel xejn nieħu l-okkazzjoni sabiex f'isem il-kordinaturi ta' dawn il-programmi, nirringrazzjaw lil dawk l-etentitajiet u organizzazjonijiet li bis-sehem u l-kordinazzjoni li ssir magħhom, dawn il-programmi jkunu aktar interessanti għall-istudenti u li fl-aħħar mill-aħħar jogħla wkoll il-livell ta' dan il-programm; dawn huma Heritage Malta, Malta Experience, il-Kon-Katidral ta' San Ġwann, Birdpark Malta, Arriva Group, l-Awtorita` tat-Turiżmu (M.I.C.A.), id-Direttur tad-Dar Ta' San Ġużepp (M.S.S.P.) u l-ex-Surġent Maġġur Romeo Micallef. Ħajr mhux b'inqas ukoll lill-uffiċjali kollha li jippreparaw għaż-żjarat u t-taħdidiet fis-sezzjonijiet tagħhom; magħhom ukoll lil dawk li għal kull darba jipprovdu t-trasport matul dawn il-programmi.

joseph.q.borg@gov.mt

Advert

# Jum il-Pulizija – 12 ta' Lulju 2013 Għoti ta' Midalji u Ċertifikati

Minn Wpc 25 Charlene Cilia - CMRU

Bħal kull sena fit-12 ta' Lulju niċċelebraw Jum il-Pulizija. Din is-sena kien il-199 anniversarju u l-attivitajiet ma naqsux, minn wirjiet f'diversi lokalitajiet, kunċerti mill-banda tal-Pulizija, parati sa ukoll *open day* fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Il-ġurnata tal-Ġimgħa 12 ta' Lulju - Jum il-Pulizija kien nofstanhar mimli b'attivita' wara l-oħra. Il-Gwardja tal-Unur flimkien mal-Banda tal-Pulizija mmarċjaw tul Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta sa quddiem il-Katidral ta' San Ġwann fejn wara l-wasla tal-Kummissarju tal-Pulizija, il-Ministru tal-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali, il-Prim Ministru kif ukoll il-President ta' Malta, tajna bidu għal Quddiesa Solenni mmexxija mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Pawlu Cremona.

Il-Quddiesa li kienet akkumpanjata mill-kor tal-Kon Katidral damet għaddejja madwar siegħa fejn fl-omelija tiegħu, l-Arċisqof ma naqasx li jagħraf ix-xogħol imprekattiv u xi kultant iebes tagħna l-Pulizija. Huwa tenna dwar il-ħinijiet twal li jġorr miegħu dan ix-xogħol u fost il-pariri siewja li qasam magħna, semma' l-importanza li għadna nagħtu lil familja tagħna u li rridu nippruvaw insibu ħin sabiex niddedikawh lil ta' madwarna. Fit-talb tagħna ma naqasx li niftakru fi sħabna mejtin speċjalment dawk li ħallew ħajjithom fuq il-lant tax-xogħol kif ukoll il-familji tagħhom.

Hekk kif il-quddiesa ġiet fi tmiemha kienu bosta dawk il-Pulizija kif ukoll persuni li attendew li baqgħu għal ftit ħin quddiem il-Katidral jgħidu kelma bejnithom u li xi ftit ġibdu l-attenzjoni tal-pubbliku. Ngħiduha kif inhi, mhux normali li tara ammont kbir ħafna ta' Pulizija kollha f'post wieħed.

Lura ġewwa s-Sala Vilhena fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fejn minnufih bdiet iċ-ċerimonja ta' għoti ta' midalji u ċertifikati mill-Kummissarju tal-Pulizija flimkien mal-Onorevoli Ministru Dr Emanuel Mallia. L-ewwel ma kien mistieden sabiex jiftaħ iċ-ċerimonja b'diskors kien il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Zammit. Fi ftit kliem, il-Kummissarju feraħ lil dawk li kienu preżenti f'din iċ-ċerimonja. B'mod sarkastiku rringrazzja lill-membri tal-Korp li ħadu paċenzja bih tul il-ħamsa u għoxrin sena servizz li kien għamel fil-Korp u issa li reġa' daħal lura.

Hekk kif temm id-diskors tiegħu l-Kummissarju tal-Pulizija, l-Onorevoli Ministru Dr Mallia ngħaqad mas-Sur Zammit sabiex jagħtu bidu għall-ewwel ċerimonja tal-ġurnata,dik tal-għoti tal-midalji għal servizz twil u effiċjenti lil numru ta' membri li għalqu tmintax-il sena servizz









Advert

jew aktar.
Dawn li ġejjin huma dawk il-membri li ngħataw medalja tas-servizz twil u effiċjenti:

| | | |
|---|---|---|
| Spettur | | Maria Stella Attard |
| Spettur | | Arthur Mercieca |
| Spettur | | Jesmond J. Borg |
| Spettur | | Sandro Camilleri |
| PS | 63 | Joseph Farrugia |
| PS | 72 | Bernard Galea |
| PS | 90 | Jeffrey Gerada |
| PS | 180 | Fabiano Aquilina |
| PS | 266 | Stefan Decelis |
| PS | 353 | Antoine Mario Sacco |
| PS | 494 | Gordon Borg |
| PS | 504 | Silvio Ellul |
| PS | 746 | G. Attard McCarthy |
| PS | 839 | Stephen Micallef |
| PS | 849 | Ivan Curmi |
| PS | 860 | Keith Caruana |
| PS | 887 | Stefan Mercieca |
| PS | 950 | Alan Buhagiar |
| PS | 1257 | Conrad Ellul |
| PS | 1268 | Ivan Caruana |
| PS | 1314 | Raymond Ambrogio |
| PS | 1437 | Norman Xuereb |
| PC | 55 | Spiridione Camilleri |
| PC | 87 | George Galea |
| PC | 138 | Joseph Portelli |
| PC | 155 | Charlton M. Xerri |
| PC | 172 | Joe Zammit |
| PC | 229 | Kenneth Camilleri |
| PC | 259 | Edwin Curmi |
| PC | 289 | Kevin Gerada |
| PC | 327 | Sean Pace |
| PC | 332 | Simon Anthony Grech |
| PC | 363 | Alexander Tanti |
| PC | 490 | John Darmanin |
| PC | 501 | Duncan Dimech |
| PC | 521 | Jesmond Falzon |
| PC | 532 | Mark Farrugia |
| PC | 540 | Anthony John Fava |
| PC | 685 | Daniel Scerri |
| PC | 818 | Joseph Farrugia |
| PC | 875 | Patrick Zerafa |
| PC | 886 | Emanuel Micallef |
| PC | 890 | Kevin Mallia |
| PC | 896 | Robert Zammit |
| PC | 922 | Valhmor Medati |
| PC | 980 | Raymond Galea |
| PC | 1107 | Willis Dameon |
| PC | 1389 | Jonathan McPherson |
| WPC | 29 | Doris Bonello |
| WPC | 49 | Lorraine Amato |
| WPC | 82 | Miriam Muscat |
| WPC | 107 | Sharon Bonnici |
| WPC | 143 | Antoinette Spiteri |
| WPC | 144 | Louise Cuschieri |
| WPC | 147 | Brigette Cutajar |
| WPC | 172 | Ruth Gauci |
| WPC | 190 | Elizabeth Hopkins |
| WPC | 203 | D. Rizzo Busuttil |
| WPC | 204 | Marika Bugeja |
| WPC | 205 | Tania Borg |
| WPC | 206 | Marica Galea |

**Membri tal-Korp li ngħataw l-Ewwel Clasp:**

Assistent Kummissarju
Pierre Calleja

| | | |
|---|---|---|
| Supretendent | | Norbert Ciappara |
| Supretendent | | Simon Galea |
| Supretendent | | Martin Bayliss |
| Supretendent | | Josef Petroni |
| Spettur | | Joseph Agius |
| Spettur | | Joseph Hersey |
| Spettur | | Joseph Mercieca |
| Spettur | | Nazzareno Grixti |
| Spettur | | Louise Calleja |
| 2/SM | 38 | Paul Zahra |
| 2/SM | 85 | Audrey A. Cassar |
| 2/SM | 88 | Marthese Mercieca |
| 2/SM | 187 | Mario Cassar |









| | | |
|---|---|---|
| 2/SM | 833 | Francis X. Seychell |
| 2/SM | 1048 | Mario Busuttil |
| 2/SM | 1374 | Edgar Dalli |
| 2/SM | 1404 | Anthony Cutajar |
| 2/SM | 1428 | Jesmond Delia |
| 2/SM | 1439 | John Tabone |
| 2/SM | 1448 | Victor Buttigieg |
| 2/SM | 1450 | Mario Rotin |
| 2/SM | 1452 | Emanuel Scicluna |
| 2/SM | 1460 | George Farrugia |
| 2/SM | 1487 | John Cassar |
| 2/SM | 1533 | Lawrence Caruana |
| PS | 772 | Dennis Agius |
| PS | 1407 | Francis Portelli |
| PS | 1508 | Emanuel Lapira |
| PS | 1523 | Alexander Tanti |
| PS | 1530 | David Cini |
| PC | 98 | Nicholas Vassallo |
| PC | 411 | Raymond Grech |
| PC | 434 | Peter Paul Sammut |
| PC | 554 | George Zammit |
| PC | 636 | Raymond Cassar |
| PC | 924 | Peter Mifsud |
| PC | 1022 | Joseph M. Cutajar |
| PC | 1047 | Desmond Busuttil |
| PC | 1075 | Joseph Micallef |
| PC | 1097 | Mario Casha |
| PC | 1248 | Frankie Rapa |
| PC | 1293 | Raymond Farrugia |
| PC | 1358 | Tarcisio Leo Cassar |
| PC | 1395 | David Abela |
| PC | 1397 | Paul Xerri |
| PC | 1406 | Joseph Parnis |
| PC | 1418 | Victor Gauci |
| PC | 1423 | Nazzareno Dimech |
| PC | 1436 | Vincent Gauci |
| PC | 1470 | Raymond Sammut |
| PC | 1475 | Edward Bonello |
| PC | 1478 | Julian Grima |
| PC | 1491 | Gino Demanuele |
| PC | 1498 | Vincent Gatt |
| PC | 1506 | Louis Calleja |
| PC | 1509 | John Darmanin |
| PC | 1519 | Peter Briffa |
| PC | 1520 | Joseph Grech |
| PC | 1522 | Mark Azzopardi |
| PC | 1524 | Paul Brincat |
| PC | 1528 | Daren Hammett |
| PC | 1535 | Emanuel Cachia |
| PC | 1544 | Angelo Camilleri |
| PC | 1545 | Michael Casha |
| PC | 1548 | Victor Theuma |
| PC | 1549 | Joseph Bajada |
| PC | 1552 | Emanuel Borg |
| PC | 1553 | Saviour Spiteri |
| PC | 1559 | Carmel Muscat |
| WPS | 56 | Louise Catania |
| WPC | 18 | Moira Cassar |
| WPC | 30 | Maria Concetta Apap |
| WPC | 105 | Carmen Camilleri |

**Membri tal-Korp li ngħataw it-Tieni Clasp:**

| | | |
|---|---|---|
| 2/SM | 489 | George Attard |
| PS | 305 | Alfred Gauci |
| PS | 357 | Christopher Sammut |
| PS | 369 | Joseph Mizzi |
| PC | 118 | Lawrence Buttigieg |
| PC | 178 | Carmel Curmi |
| PC | 203 | Richard Cilia |
| PC | 235 | Raymond Bristow |
| PC | 242 | Raymond Buttigieg |
| PC | 320 | Christopher Parnis |
| PC | 354 | Anthony Spiteri |
| PC | 439 | Lawrence Zarb |
| PC | 466 | Paul Mercieca |
| PC | 603 | Vincent Buhagiar |
| PC | 629 | Mario Axiaq |
| PC | 712 | Mario Fabri |
| PC | 733 | Joseph Galea |
| PC | 745 | Godfrey Formosa |
| PC | 932 | Louis Bigeni |
| PC | 937 | Edmond Grech |
| PC | 1307 | Saviour Cauchi |
| WPS | 34 | Jennifer Saliba |
| WPC | 53 | Grace Borg |
| WPC | 66 | Pauline Bonello |

**Numru ta' uffiċjali li ngħataw ukoll ċertifikati ta' mertu:**

PC 258 Mario Mallia – talli fil-11 t'Awwissu 2012, ġewwa l-Belt Valletta, waqt li kien xogħol, wera dedikazzjoni lejn id-dmirijiet tiegħu meta rnexxielu jżomm persuna milli jikkommetti suwiċċidju.

PC 1188 Paul Cassar u PC 243 Clayton Frendo – talli fl-4 ta' Mejju 2013, fix-Xatt ta' Ta' Xbiex, waqt li kienu xogħol, urew dedikazzjoni kbira lejn id-dmirijiet tagħhom meta f'tentattiv biex isalvaw il-ħajja ta' ċerta Michelle Magro, li kienet maqbuda taħt l-ilma fil-karozza tagħha, qabżu l-baħar, b'riskju kbir għal ħajjithom.

PS 1277 Herman Spiteri u PC 1545 Michael Casha ngħataw ċertifikat ta' mertu talli ma ħadu l-ebda ġurnata *sick leave* għal dawn l-aħħar għaxar snin, filwaqt lis-Supretendent Alexandra Mamo,







l-Ispettur Frank Anthony Tabone, l-Ispettur James Grech, l-Ispettur Sandro Camilleri, 2/SM 1007 Michael Mulvaney, PS 579 Antoine Micallef, PS 1407 Francis Portelli u PC 999 Jesmond Chircop, ingħataw ċertifikat li ma ħadu l-ebda ġurnata *sick leave* għal dawn l-aħħar ħames snin.

F'ċerimonja oħra qasira ngħata ċertifikat ta' tifkira u rikonoxximent lil dawk il-membri tal-Korp li rtiraw bil-pensjoni, wara li għalqu l-ħamsa u għoxrin sena servizz jew aktar.

Iċ-ċerimonja għalqet b'diskors mill-Onorevoli Ministru Dr Manuel Mallia, fejn qal li kien kburi li jinsab fostna ġewwa l-Kwartieri tal-Pulizija. Huwa ma naqasx li jsemmi li ħafna mill-Pulizija jafhom mill-viċin anke minħabba l-professjoni tiegħu qabel ma ġie mogħti l-kariga ta' Ministru. Dr Mallia sellem lill-Professur Guido De Marco li kien waqqaf l-Akkademja tal-Pulizija, kif ukoll lill ex-Kummissarju Alfred Calleja.

Wara li kollox ġie fi tmiemu, il-membri preżenti għaċ-ċerimonja ltagħqu fis-Sala San Mikiel għal bibita flimkien mal-Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija. Kelli ċ-ċans ndur xi ftit man-nies li kienu preżenti u bejn kelma u oħra bdejt ninduna kemm kont fortunata li kelli ċ-ċans naħdem magħhom u nakkwista bosta esperjenzi u pariri siewja li servewni fil-karriera tiegħi. Fosthom ma nistax ma nsemmix lill-Ispettur Louise Calleja, persuna li nammira mmens. Bdiet mir-rank ta' kuntistabbli u llum-il ġurnata ilha fil-kariga ta' spettur dawn l-aħħar 14-il sena. Tul il-karriera tagħha fil-Pulizija, l-Ispettur Calleja dejjem irispettat lill-kollegi tagħha u fejn setgħet tagħti l-għajnuna tagħha qatt ma warbet lura. Kelli l-unur naħdem magħha fl-Iskwadra ta' kontra l-Vizzji u minn hawn nieħu l-opportunita' sabiex nirringrazzjha ta' dak kollu li għalmitni. L-Ispettur Calleja tħares lura lejn dawn il-ħamsa u għoxrin sena bi tbissima. Ħamsa u għoxrin sena li ġarru magħhom ħafna suċċessi u forsi xi kultant ftit diffikultajiet, iżda xorta waħda l-Ispettur Calleja ma tbiddel xejn mid-deċiżjoni li ħadet li tkun parti mill-Korp tal-Pulizija.

Nixtieq ngħalaq dan l-artiklu billi nsemmi lill dawk il-persuni li għaċ-ċelebrazzjoniet ta' Jum il-Pulizija jkunu ilhom jaħdmu minn xhur qabel kif ukoll dawk il-Pulizija li jkunu fit-toroq sabiex jidderiġu t-traffiku matul l-attivitajiet b'mod speċjali nhar it-12 ta' Lulju ġewwa l-Belt Valletta. Ma nixtieqx ninsa lill dawk il-membri li jkunu mpenjati bl-attivitajiet f'diversi lokalitajiet, fosthom il-membri tal-Banda tal-Pulizija, l-Iskwadra tal-Klieb, il-Kavallerija kif ukoll is-*Silent Drill team*. Minkejja t-temp sħun xorta waħda jagħtu wirjiet mill-isbaħ u jferħu lill-pubbliku. Ringrazzjament imur ukoll lill-membri kollha tal-kċina tal-Pulizija li jkunu mpejnati ħafna bir-riċevimenti li jitgħellu għal din l-okkazzjoni u wkoll lil dawk il-membri li ħadu ħsieb it-tindif ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Grazzi lil kull min ta s-sehem tiegħu biex l-attivitajiet kienu suċċess.

charlene.camilleri@gov.mt

Advert

# Fl-Okkazjoni tal-199 sena mit-twaqqif tal-Korp



## Addolorata

















## Bugibba











## Għawdex

























## Marsascala







## Open Day GHQ






















## Police Day



















## Receptions












## Reception Officers









## Valletta








Advert

# Paġna għat-Tfal



Ilaria Tabone
8 Snin




Andrea Buhagiar
7 Snin

Dawk il-membri tal-korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpingija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

Advert

# Is-Serqa tal-pagi tat-Tarzna - It-tieni parti

minn Eddie Attard

Dawk arrestati kienu Ġeraldu Cassar ta' 24 sena, imwieled il-Floriana u kien joqgħod Ħal Qormi; Salvu Fenech ta' 24 sena, imwieled u joqgħod Ħaż-Żebbuġ; Manwel Cardona ta' 26 sena, imwieled Ħal Qormi u joqgħod Ħaż-Żebbuġ, Ġużeppi Cachia ta' 27 sena, imwieled u joqgħod Ħaż-Żebbuġ; Ġanni Gambin ta' 31 sena, imwieled u joqgħod Ħaż-Żebbuġ, u Ġanni Buttigieg, Għawdxi li kien joqgħod Ħaż-Żebbuġ.

Fl-ewwel interrogatorju tal-pulizija ħadd minn dawn l-irġiel ma għamel xi stqarrija ta' ħtija. Imma aktar tard, Buttigieg stqarr li hu ma kinx lest jgħid xejn ta' xejn u meta s-Supretendent Calleja staqsieh x'ried, Buttigieg qallu li jekk jingħata l-proklama hu kien lest jgħid kollox. Ma' din l-istqarrija s-Supretendent Calleja għarraf lis-superjuri tiegħu u wara siegħa u nofs waslet risposta li l-gvern kien lest jagħtih din l-immunità bil-kundizzjoni li jgħid kollox. Aktar tard Cardona tkellem ukoll, u qal li kien Gambin li kien xufier it-Tarzna li kien ippropona din is-serqa. Cardona kompla qal li kien hu li dakinhar tas-serqa kien qgħad għassa wara l-bieb tal-Barclays Bank, il-Belt, u malli tgħabbew il-flus mar jgħid lil sħabu li kienu qegħdin jistennewh il-Blata l-Bajda.

Wara kien imiss lit-tnejn l-oħra biex jitkellmu, u filwaqt li Fenech stqarr li daħal għal din il-biċċa xogħol għax kien fil-bżonn, qal ukoll li kien akkwista l-*machine gun* meta waqa' ajruplan tal-gwerra maġenb ir-razzett tagħhom. Fenech qal ukoll li dakinhar tas-serqa l-*machine gun* kien spara waħdu meta kien ippuntat fl-arja.

Fl-aħħar waslet ukoll l-istqarrija ta' Gambin; dan qal li kien Cardona li kien ipproponielu din is-serqa.

Sadanittant il-pulizija kellha informazzjoni importanti mingħand ċertu Karmnu Bezzina li qal li għaxart ijiem qabel il-każ kien ġie avviċinat minn Ġeraldu Azzopardi biex jieħu sehem fis-serqa, u li kien mar iċ-ċinema ma' Fenech, Cardona, u Cachia, u li qabel daħlu staqsewh jekk riedx imur magħhom jagħtu s-salt lit-trakk tal-pagi tat-tarzna. Bezzina qal li dakinhar ma kien wieġeb xejn u li tlitt ijiem wara kien iltaqa' magħhom fir-razzett ta' Fenech fejn kienet ippjanata s-serqa u saħansittra kienu ssemmew l-armi li kellhom jintużaw fis-serqa. Buttigieg kompla qal li aktar tard kellu jiltaqa' ma' Buttigieg fil-pjazza tar-raħal imma ma kienx mar, u lejliet is-serqa kien qallu li ma jridx jidħol fis-serqa.

**Ix-xufier tat-trakk jagħraf lil Azzopardi**

Ma' din l-evidenza kollha żdiedet dik ta' Manwel Conti, ix-



Pulizija tfittex il-flus f'waħda mill-għelieqi

xufier tat-trakk, għax dan kien għaraf lil Ġeraldu Cassar bħala wieħed minn dawk li waqqfuh. Aktar minn hekk, meta Fenech kien mar ħdejn it-trakk kien waqagħlu l-maktur li kien qed jagħttilu wiċċu u s-Sur Papagiorcopolo kien għarfu.

B'dawn l-istqarrijiet u b'evidenza oħra, il-pulizija akkużat lil dawn l-irġiel b'diversi akkużi u fit-23 ta' Novembru 1948 beda l-ġuri tagħhom quddiem l-Imħallef William Harding. Cassar, Fenech, u Cardona kienu akkużati li fit-22 ta' April 1948, fi Triq Kordin, Raħal Ġdid, huma għamlu serqa ta £127,740.00 bi ħsara ta' l-Ammiraljat u li qabel is-serqa, flimkien ma' oħrajn, kienu ftehmu li jmorru f'ġemgħa ta' erba' min-nies, armati b'*revolvers* u b'*machine gun* fl-imsemmija triq mnejn, kellu jgħaddi trakk tar-*Royal Navy* bil-flus meħtieġa għall-pagi tan-nies tat-tarzna. Fl-att ta' l-akkuża tkompla ntqal li Cassar, Fenech, u Cardona kienu marru b'karozza bin-numru 6747 u armati b'*revolvers* u b'*machine gun* ħdejn il-Pitkalija, il-Blata l-Bajda, jistennew l-imsemmi trakk jgħaddi, u kif dan għadda minn quddiem il-knisja tal-Marsa saqu għal warajh u komplew isegwuh. Fl-istess akkuża tkompla ntqal kif kienet twettqet din is-serqa.

L-akkuża ta' Ġużeppi Cachia kienet tgħid li bejn l-1 ta' Marzu u t-22 ta' April 1948, fil-Marsa, f'Ħal Qormi, u f'Ħaż-Żebbuġ kien iltaqa' mat-tlitt akkużati msemmija u ftiehem magħhom biex jagħtu s-salt lit-trakk waqt li dan ikun sejjer mill-Belt Valletta għat-Tarzna. Akkuża oħra kontra Cachia kienet li dan wiegħed lill-akkużati l-oħra li kien se jpoġġi tabella bis-sinjal '*No Entry*' f'nofs it-triq ħdejn il-mina ta' Bormla biex iżomm it-traffiku u b'hekk is-serqa tkun tista' tirnexxi. Barra minn dan, Cachia kien akkużat li kien ftiehem mal-oħrajn dwar fejn kellhom jinħbew il-flus wara s-serqa.

Ġanni Gambin, li kien xufier it-Tarzna, għalhekk kemm-il darba kien saq it-trakk li fih kienu ttrasportati l-flus tal-pagi bħal ma sar fit-22 ta' April, kien akkużat li kien ftiehem mal-

Advert



Ir-razzett fejn instabu l-flus

oħrajn kif kellha ssir is-serqa. Fl-att ta' l-akkuża ntqal li dan it-trakk kien ikun skurtat min-nies tan-*Navy* armati b'bajjunetta biss. Infatti, mill-ġuri jirriżulta li l-iskorta kienu *Petty Officer* u żewġ baħrin li skortaw il-trakk.

Il-ġurati f'dan il-ġuri kienu l-Perit Edward Borg Cardona bħala prim ġurat u Vincent Galea, Dr. Pawlu Azzopardi, Mikiel Aquilina, Alfred Delia, Joseph Galea, Salvu Ellul, Alfred Mamo, u Ġanni Farrugia, bħala ġurati ordinarji. Il-prosekuzzjoni tmexxiet mid-Deputat Avukat Ġenerali Dr. J. Reynaud, filwaqt li Cassar, Fenech, Cardona, u Cachia kellhom bħala difiża lill-Avukati E. Magri, Vincent Scerri, Maurice Caruana Curran, u Albert Ganado, rispettivament.

Joseph Zahra, messaġġier it-tarzna, xhud f'dan il-ġuri, stqarr li ftit wara li kien imwaqqaf it-trakk hu kien għaddej b'karozza minn dawk l-inħawi u kien ra xi nies b'wiċċhom mgħotti u armati, kif ukoll karozza bin-numru 6747 wieqfa. Ix-xhud qal li n-nies tan-*Navy* li niżlu bit-trakk kellhom idejhom imtellgħin fuq rashom. Intqal ukoll li kif il-ħallelin ħarbu bil-flus kienu sparati żewġ tiri. Sar magħruf li kien dan ix-xhud li għamel rapport fit-Tarzna. Waqt il-ġuri ntqal li l-*machine gun* użat fis-serqa kienet it-tip użat fuq l-ajruplani, u li l-arma kien fiha 121 balla.

**Ix-xhieda tal-Pulizija**

Is-Supretendent Bonnici Soler fil-qorti qal kif kienu bdew jinstabu l-flus u l-istess għamel l-Ispettur Robert Magri li kien sab il-*machine gun*. Dan tal-aħħar qal ukoll kif u fejn kienu nstabu xi ħwejjeġ li l-akkużati kienu libsin waqt is-serqa. Dan ix-xhud kompla qal li l-akkużat Salvu Fenech offra li jurih fejn kien ħeba xi flus taħt iċ-ċangatura. L-Ispettur Magri semma' wkoll li meta nterroga lil Manwel Cardona, dan għall-ewwel ċaħad li kellu x'jaqsam fis-serqa, imma li wara kien ammetta kollox. Cardona kien qgħad ħdejn il-bieb tal-Barclays Bank, tal-Belt Valletta, u kif it-trakk telaq bil-flus hu mar javża lil dawk li kienu qed jistennewh il-Blata l-Bajda.

L-istess spettur kien interroga lil Ġeraldu Cassar u fil-qorti ntqal li Cassar kien stqarr li filgħodu dakinhar tas-serqa kien mar għall-karozza ta' ċertu Pinu u li wara mar flimkien mal-oħrajn u qagħdu jistennew it-trakk ġej. Cassar kompla qal li meta l-karozza tagħhom kienet tinsaq wara t-trakk kien hemm karozzi oħra warajhom, u Cardona qallu biex jibqgħu sejrin, imma meta ġew maġenb it-trakk Ġanni Buttigieg ipponta r-*revolver* lejn is-sewwieq tat-trakk u waqqfu. Cassar qal li kien baqa' fil-karozza u kien wara li qallu Cardona li niżel mill-karozza u tela' fit-trakk u baqgħu sejrin ħdejn il-Ħandaq, imma li biddlu l-ideja u marru lejn Tal-Ħlas, f'Ħaż-Żebbuġ. Skont Cassar, il-flus tħattew taħt it-tina ta' wara r-razzett ta' Salvu Fenech u Ġanni Buttigieg tħalla għassa mal-flus sakemm huma marru jeħilsu mit-trakk. Meta xi għoxrin minuta wara marru lura fir-razzett lil Buttigieg ma sabuhx.

F'aktar xhieda l-Ispettur Magri kompla qal li l-akkużat Cassar kien qallu li peress li kien twil kien hu li qgħad inewwel il-landi bil-flus lill-oħrajn li kienu fuq ir-raff fir-razzett, u li wara li ħbew il-flus kollha Cardona qalilhom li kulħadd kellu jmur għal riħu u li ħadd ma kien jaf lil ħadd. Ix-xhud qal li fl-istqarrija li għamel Cassar qal li kien ħa sitt xelini (30 ċenteżmu) minn dawk il-flus kollha u li dawn kien tagħhomlu Fenech mill-but tiegħu u dan sar wara li Cassar talab xi ħaġa tal-flus għax ma kellu xejn.

Xhud ieħor kien Salvu Camilleri, li diġà ssemma'. Dan qal li dakinhar tat-22 ta' April kien għaddej bir-rota min-naħa tar-razzett ta' Fenech u fit-triq ta' maġenb ir-razzett ra wieqaf trakk, u erba' min-nies iwaddbu xi affarijiet minnu u jpoġġuhom taħt siġra tat-tin. Ix-xhud qal li f'dak il-ħin kien rah l-akkużat Fenech u dan għamillu sinjal b'idu biex ma jersaqx 'l hemm, imma wara li dawn l-irġiel telqu kienet messitu l-kurżità u mar jara x'kien hemm. Intqal li taħt it-tina kien hemm boroż u landi kollha bil-flus li minnhom ħa landa u mar ħbieha fl-għalqa tiegħu. Hu kompla qal li aktar tard reġa' mar fil-post u ħa tliet boroż oħra li ħbiehom fl-istess għalqa ta' Fenech, u meta aktar tard mar biex jaħbihom fl-għalqa tiegħu kien rah Fenech minn fuq il-bejt u dan qallu biex imur jitfagħhom fil-bir. Camilleri stqarr li dawn il-boroż kien ħbiehom taħt il-furrajna u m'għamilx kif qallu Fenech.  Camilleri rrakkonta li l-Pulizija kienet ħaditu l-Kwartieri Ġenerali u kien qallhom kollox.

Gabillott ieħor, Salvu Farrugia, li kellu għalqa ħdejn dik ta' l-akkużat Fenech, ukoll xehed li kien sab 181 tmintaxirbiegħi (munita ta' 12-il ċenteżmi), u xi ftit muniti oħra, u ħadhom id-dar. Imma meta l-Pulizija nterrogatu mill-ewwel tagħhomlhom lura.  - *Ikompli f'ħarġa oħra*

magazine.police@gov.mt

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet tal-Pulizija

Arċikonfraternità ta' San Ġużepp

31 ta' Marzu, 2013

Is-Surġent tal-Pulizija
Rabat Police Station Officer
Triq Santa Rita
Rabat – Malta

Surġent,

Dejjem tiegħek,

Stephen Pace
Segretarju

---

ST DOMINIC'S PRIORY

Is-Supretendent Alexandra Mamo
Għassa tal-Pulizija
Distrett tal-Belt Valletta
111 Triq l-Arċisqof,
VALLETTA VLT 2000

Għażiża Supretendent,

16 ta' Awwissu 2013

Ippermettili biex, bħala Pirjol tal-komunità dumnikana tal-Belt Valletta u f'isem l-imsemmija komunità, inroddlok ħajr mill-qalb u nifraħlek tal-ħidma kemm tiegħek kif ukoll tal-membri tal-Korp tal-Pulizija li jiddependu minnek imwettqa tul il-jiem tal-festa ta' Missierna San Duminku li għadhom kif intemmu.

Il-preżenza u t-tmexxija tiegħek swew mhux biss biex inżammet is-sigurtà fil-knisja iżda wkoll biex inżammu l-ordni u d-dixxiplina fost dawk kollha li ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet, l-aktar dawk ta' barra. Kien ta' sodisfazzjon kbir għalina naraw li kollox għadda b'wiċċ il-ġid u li kulħadd ikkolabora biex kellna festa sabiħa u diċituża.

Bħala komunità dumnikana nweġħdu it-talb tagħna għalik kif ukoll għad-dipendenti tiegħek b'mod speċjali meta nsemmu lil dawk li "għall-ġid tal-komunità jkollhom jiċċaħdu mill-mistrieħ tal-Ħadd".

Nibqgħat inseliċi għalik,

P. Joseph Bonnici, O.P.
Pirjol

cc. Il-Kummissarju tal-Pulizija Peter Paul Żammit
Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija
Pjazza San Kalċidonju
IL-FURJANA FRN 1530

---

Għaqda Mużi…

---

Comments : The Commissioner of Police,
I wish to bring to your attention the dedication and commitment that PC 337, PC 831 and PC229, serving at Cospicua police station, have shown in my son's regards on several occasions during these last couple of months. They gave us unreserved help and attention in following up and try to resolve amicably an incident where my son Mark is the victim. PC 229, in particular helped us immensely also way back in 2010.
Sir without doubt these officers are an assist to the Police Corp and thank them for all that they have done.

Sincere regards

---

Malta Dizastru TOTALI !!!!!! jien nistgħa ngħati xhieda tajba dwar il-pulizija li hemm fid-dipartiment li hemm fic-CMRU.......avolja page ....avvolja ma ahniex profesjonali.....imma jghidulna dwar xi ahbar ituwna tgharif.......

grazzi
about an hour ago

---

Dear All,

On behalf of our company … dedication during this year…

We sincerely believe tha… registered without your co…

We now look forward to n… June.

Regards
Jordan

Jordan de Giorgio

---

Dear All,

On behalf of … on board the … engine secti…

Your suppo… all those in…

A detailed …

Regards,

Charles … Port Ser…

Valletta … 45 - 46 … Floriana…

---

Qalb it-Tfal

Pinkish Line House, Pietru Xuereb Street, Pieta, PTA 1501

14 t' Awissu 2013

Lill-Korp tal-Pulizija,
Għassa Żejtun

F'isem *Qalb it-Tfal*, nixtieq nirringrazzja lill-Korp tal-Pulizija ta' l-għajnuna u s-support biex l-attivita' li ttellgħat f'Birżebbuġa nhar it-8 ta' Awwisu u setgħat tkun suċċess. Waqt din l-attivita' nġabret is-somma sabiħa ta' Ewro 9,000, liema flus ser jintużaw biex jinxtara apparat għat-trabi ġewwa l-NPICU li jiswa Ewro 20,000. Filwaqt li nerġa nirringrazzjakom tas-servizz imprezzabli li offrejtu lil din l-organizzazzjoni, ninfurmakom li attivitaijiet simili ser jerġgħu isiru fil-futur qarib biex tingabar is-somma mixtieqa u b'hekk inkunu qed intejbu il-ħajja ta' ħafna tfal.

---

Dear Commissioner of police,

I am writing an email to commend the work and effort of the zabbar police department, specifically PS1137 Kevin Vella, Zabbar Police Station. In July 2012, I reported my iphone 4s as lost-stolen. As of a about a week ago, 7 months later, I heard back from Mr. Kevin Vella through email. Apparently he had been trying to contact my mobile number and could not get a hold of me as I live in Malta during summers and in Denmark off season. Mr. Kevin Vella notified me that my iphone has been found and ready to be picked up.

I am mainly writing to let you know that beginning with the first phone call I made in July and speaking with the recepionist (female) up until the last email exchanged with Mr. Vella on how to receive my found iphone, I have had a most wonderful experience, especially considering it was not such a nice reason for interaction. I want to let you know that this department has done a wonderful job and I appreciate their wonderful service.

Kind regards,

---

Dear Insp Zammit,

I am writing this e-mail to thank you for the excellent presentation on Internet safety give… Joseph Muscat. The presentation was very informative and gave the participants, both stu… parents, valuable insights about how to protect themselves online. I would like you to pers… convey my congratulation to PC Joseph Muscat for his excellent communication skills whe… cited various practical examples and cases both locally and internationally.

---

Sent: Fri 22/03/2013 15:34

From:
To: Grima Roberta at POLICE
Cc:
Subject: Re: Talk
Attachments:

Dear Ms Grima

On behalf of the school and us guidance teachers we would like to thank you for taking the time to attend the Career Day on 20th March at St Joseph Blata l-Bajda. The feedback from the girls was very positive and thus helps us realize more the importance of such activities.

Thank you once again

Regards

---

Dear sir

I trust this email finds you in best of health.

I am sending you this email to show my deepest appreciation towards Serge… 1257, PC 1216, PC 1351 and PC 1263 for their excellent service. On Sunda… June 2013, my car was hit and dented by in St. Lucia which I… at Paola Police Station. Thanks to these officers' dedicated work and exper… succeeded to track down the driver responsible for this hit-and-run acciden… again I thank these officers for their co-operation and much appreciated achievement.

Thank you for finding time to read this email and have a good day.

Advert

Advert

# L-ewwel edizzjoni tal-Malta Police Day Anniversary Cup

minn PS 1480 Sandro Mallia – PRO - MPSC

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-199 sena mit-Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija, il-*Malta Police Sports Committee* organizza *5-a-side* Turnament tal-Futbol ġewwa l-Kulleġġ De La Salle fil-Kottonera.

Ġie deċiż li jsir trofew li ngħata l-isem '*Malta Police Day Anniversary Cup*' u dan ser jinżamm għal sena mir-rebbieħ ta' kull edizzjoni.

Kien jidher mill-ewwel li l-membri tal-Korp kellhom din ix-xewqa li jsir dan it-Turnament għaliex kien hemm rispons qawwi fejn ġew reġistrati 22 tim mid-distretti u taqsimiet oħra tal-Korp. Ħaġa sabiħa wkoll kienet li wara diversi snin, rajna t-tim mid-Distrett ta' Għawdex.

Dan it-turnament kien wieħed differenti minn dawk ta' qabel, fejn minħabba raġuni ta' klima, intlagħb filgħaxijiet, kif ukoll ġie mqassam fuq ħamest ijiem.

Il-fażi tal-gruppi ntlagħbu bejn l-1 u l-4 ta' Lulju u dawn huma riżultati u klassifiki:-






## Grupp A

| 1 | 9 PD | vs | 8 PD | 3 | | P | W | D | L | F | A | +/- | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 6 | Mobile B | vs | C.I.D. | 0 | 8 PD | 5 | 5 | 0 | 0 | 17 | 2 | +15 | 15 |
| 2 | MIA/lo's | vs | 2 PD | 2 | Mobile B | 5 | 2 | 2 | 1 | 12 | 4 | +8 | 8 |
| 0 | MIA/lo's | vs | Mobile B | 0 | MIA/lo's | 5 | 2 | 2 | 1 | 12 | 8 | +4 | 8 |
| 0 | 2 PD | vs | 8 PD | 1 | 2 PD | 5 | 2 | 2 | 1 | 6 | 4 | +2 | 8 |
| 4 | 9 PD | vs | C.I.D. | 1 | 9 PD | 5 | 1 | 0 | 4 | 8 | 16 | -8 | 3 |
| 1 | 2 PD | vs | Mobile B | 1 | C.I.D. | 5 | 0 | 0 | 5 | 3 | 21 | -18 | 0 |
| 3 | 9 PD | vs | MIA/lo's | 5 | | | | | | | | | |
| 8 | 8 PD | vs | C.I.D. | 1 | | | | | | | | | |
| 1 | C.I.D. | vs | MIA/lo's | 2 | | | | | | | | | |
| 2 | 2 PD | vs | 9 PD | 0 | | | | | | | | | |
| 0 | Mobile B | vs | 8 PD | 3 | | | | | | | | | |
| 0 | C.I.D. | vs | 2 PD | 1 | | | | | | | | | |
| 2 | 8 PD | vs | MIA/lo's | 0 | | | | | | | | | |
| 5 | Mobile B | vs | 9 PD | 0 | | | | | | | | | |

## Grupp B

| 1 | 5 PD | vs | Mobile A | 0 | | P | W | D | L | F | A | +/- | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | 6 PD | vs | I.R.U. | 0 | 5 PD | 4 | 3 | 1 | 0 | 10 | 1 | +9 | 10 |
| 0 | I.R.U. | vs | 5 PD | 5 | 1 PD | 4 | 3 | 1 | 0 | 10 | 3 | +7 | 10 |
| 1 | Mobile A | vs | 1 PD | 2 | Mobile A | 4 | 2 | 0 | 2 | 11 | 5 | +6 | 6 |
| 3 | 1 PD | vs | I.R.U. | 0 | 6 PD | 4 | 1 | 0 | 3 | 3 | 13 | -10 | 3 |
| 3 | 5 PD | vs | 6 PD | 0 | I.R.U. | 4 | 0 | 0 | 4 | 2 | 14 | -12 | 0 |
| 1 | 6 PD | vs | 1 PD | 4 | | | | | | | | | |
| 2 | I.R.U. | vs | Mobile A | 4 | | | | | | | | | |
| 6 | Mobile A | vs | 6 PD | 0 | | | | | | | | | |
| 1 | 1 PD | vs | 5 PD | 1 | | | | | | | | | |

## Grupp Ċ

| 0 | 4 PD | vs | 3 PD | 5 | | P | W | D | L | F | A | +/- | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 0 | Drugs | vs | 7 PD | 1 | 3 PD | 5 | 4 | 0 | 1 | 12 | 6 | +6 | 12 |
| 0 | Mounted | vs | 10 PD | 2 | Mounted | 5 | 3 | 1 | 1 | 12 | 4 | +8 | 10 |
| 0 | Mounted | vs | Drugs | 0 | 10 PD | 5 | 3 | 0 | 2 | 11 | 7 | +4 | 9 |
| 0 | 10 PD | vs | 3 PD | 2 | Drugs | 5 | 1 | 2 | 2 | 5 | 9 | -4 | 5 |
| 1 | 4 PD | vs | 7 PD | 1 | 7 PD | 5 | 1 | 1 | 3 | 4 | 8 | -4 | 4 |
| 1 | 10 PD | vs | Drugs | 2 | 4 PD | 5 | 0 | 2 | 3 | 7 | 17 | -10 | 2 |
| 2 | 4 PD | vs | Mounted | 3 | | | | | | | | | |
| 1 | 3 PD | vs | 7 PD | 0 | | | | | | | | | |
| 0 | 7 PD | vs | Mounted | 3 | | | | | | | | | |
| 5 | 10 PD | vs | 4 PD | 1 | | | | | | | | | |
| 0 | Drugs | vs | 3 PD | 4 | | | | | | | | | |
| 2 | 7 PD | vs | 10 PD | 3 | | | | | | | | | |
| 0 | 3 PD | vs | Mounted | 6 | | | | | | | | | |
| 3 | Drugs | vs | 4 PD | 3 | | | | | | | | | |

## Grupp D

| 1 | Dogs | vs | 6A PD | 3 | | P | W | D | L | F | A | +/- | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 0 | F.S.L. | vs | S.B. | 0 | Traffic/MT | 4 | 3 | 0 | 0 | 7 | 3 | +4 | 10 |
| 1 | F.S.L. | vs | Dogs | 0 | 6A PD | 4 | 2 | 1 | 1 | 6 | 3 | +3 | 7 |
| 1 | S.B. | vs | Traffic/MT | 3 | F.S.L. | 4 | 1 | 2 | 2 | 2 | 4 | -2 | 4 |
| 0 | S.B. | vs | Dogs | 2 | S.B. | 4 | 1 | 2 | 2 | 2 | 5 | -3 | 4 |
| 1 | Traffic/MT | vs | 6A PD | 1 | Dogs | 4 | 1 | 3 | 3 | 3 | 5 | -2 | 3 |
| 2 | 6A PD | vs | F.S.L. | 0 | | | | | | | | | |
| 0 | Dogs | vs | Traffic/MT | 1 | | | | | | | | | |
| 0 | 6A PD | vs | S.B. | 1 | | | | | | | | | |
| 2 | Traffic/MT | vs | F.S.L. | 1 | | | | | | | | | |

Nhar it-8 ta' Lulju, intlagħbet il-fażi finali tat-turnament fejn rajna l-aqwa tmien timijiet jissieltu għat-titlu u r-riżultati kienu dawn :-

Advert

## Kwarti Finali

| | | | | | | | | Pen |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 PD | 1 | 5 PD | 3 | Mobile B | 0 | 1 PD | 0 | 6 |
| Mounted | 0 | 6A PD | 1 | 3 PD | 1 | Traffic/MT | 0 | 5 |

### Semi Finali

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8 PD | 1 | 3 PD | 1 |
| 5 PD | 0 | 1 PD | 0 |

### Tielet Post

| | |
|---|---|
| 5 PD | 2 |
| 1 PD | 0 |

### Finali

| | |
|---|---|
| 8 PD | 0 |
| 3 PD | 1 |

Dan it-turnament laħaq l-għeluq tiegħu meta saret il-preżentazzjoni mill-membri tal-Kumitat fejn ġie mogħti trofew lil kull tim li pparteċipa, ġew ippremjati l-aqwa *player* li skorja gowls li kien PC. 123 Roderick Vassallo - 8 PD li skorja total ta' 12-il gowl u l-aqwa gowler li għalih ikklassifikaw PS.1227 Malcolm Pace – 5 PD u PC. 423 Victorio Ciantar – 8 PD fejn it-tnejn iddefendew il-lasta tat-tim tagħhom tul il-logħob kollu li kellhom u sofrew biss tliet gowls rispettivament.



Ġie mogħti wkoll rikonoxximent lit-tim tekniku sportiv tal-Kulleġġ De La Salle kif ukoll lil dawk il-membri li offrew biex jgħinu lill-MPSC tul dan it-Turnament.



Imbagħad kien imiss li ssir il-preżentazzjoni tat-trofew lid-Distrett Nru.1 li kklassifikaw fir-raba' post, id-Distrett Nru. 5 li kklassifikaw fit-Tielet Post u d-Distrett Nru. 8 li kklassifikaw fit-Tieni Post.

Fl-aħħar saret il-preżentazzjoni tal-ewwel edizzjoni tal-'*Malta Police Day Anniversary Cup*' lil PC. 259 Edwin Curmi rappreżentant tad-Distrett Nru. 3 bħala t-tim rebbieħ għas-sena 2013.

mpsc.police@gov.mt

Advert

# Mill-Isfont sa mat-Tieni Ċentinarju
# It-Tielet Parti

Minn SM 1133 Joseph Borg

**Is-Servizz tal-Posta, tal-messaġġi u l-użu tat-Telefon**
It-tqassim tal-ittri u t-twassil tal-messaġġi f'pajjiżna tista' tgħid li kien beda jiġi attwat ukoll mill-Pulizija Maltija. It-tqassim tal-ittri f'Malta beda fl-1853 f'postijiet ewlenin bħal m'huma l-Belt Valletta u aktar tard madwar il-Kottonera u tas-Sliema. Dan is-servizz fil-bidu kien bla ħlas sal-1860, iżda imbagħad kienet ħarġet l-ewwel bolla postali. Minn dak inhar 'il quddiem bdew jinbiegħu l-bollol mill-għases tal-Pulizija. Il-prezz ta' dawn il-bollol kien ta' sitt ħabbiet u l-għases li minnhom kien isir il-bejgħ kienu jissejħu wkoll. *Postal Agencies*.



It-tqassim fil-lokalitajiet l-oħra kien isir billi l-ittri kienu jitpoġġew ġewwa vetrina fl-għases. Persuna setet tmur l-għassa tara jekk tkunx waslitilha l-ittra. F'każ li kien jgħaddi ż-żmien u l-ittra tibqa' ma tinġabarx mill-għassa, il-Pulizija kien fid-dmir li jmur javża lill-individwu. Wara l-1883 l-ittri kienu jitqassmu bejn il-kuntrattur u l-Pulizija. Min-naħa tiegħu l-kuntrattur kien beda jqabbad lit-tfal tal-Pulizija stess sabiex iqassmulu l-ittri. Sal-1921 fl-għases kienu jinżammu kaxxi bit-timbri tal-posta. Ċavetta kienet tinżamm mis-Surġent u ċ-ċavetta tas-serratura l-oħra kienet tinżamm minn uffiċjal tal-posta – it-tnejn flimkien kienu jistgħu jiftħu dawn it-timbri. L-ittri mbagħad miġburin mill-kaxxi, kienu jiġu ttimbrati u rreġistrati fuq karti apposta msejħin *letter bill*. Ħafna minn dawn il-kaxxi tal-ittri li għadni kif semmejt, għadna nistgħu narawhom imwaħħlin mal-faċċati tal-għases tal-Pulizija, l-aktar f'dawk l-għases antiki.

Mas-servizz tal-posta, il-Pulizija kellha xogħol ieħor li kien relatat li twassal il-messaġġi. Fil-bidu tas-sena 1877 meta l-Pulizija kienet tirċievi xi messaġġi bit-telegrafu mit-Turretta tal-Palazz il-Belt fil-każ ta' Malta u fil-każ ta' Għawdex, mill-Uffiċċju tat-Telegrafu n-Nadur, kienet tieħu ħsieb li twassal dawn il-messaġġi lil dawk li jkun jikkonċernhom. Ftit taż-żmien wara, meta imbagħad fl-1897 f'Malta kien daħal is-servizz tat-telefon, il-pubbliku kien seta' jibda jagħmel użu wkoll minn dan is-servizz ġdid tal-kommunikazzjoni billi jmur f'xi għassa tal-Pulizija sabiex minn hemm kien isir kuntatt mal-għassa tal-lokalita` l-oħra, fejn ikun joqgħod il-persuna li jkun irid ikellem. Min-naħa tiegħu l-Pulizija li jirċievi t-telefonata kien ikollu jmur għall-persuna l-oħra sabiex javzaha li kien ikun ċemplilha xi ħadd l-għassa. Nifhmu li l-irħula Maltin f'dawk iż-żminijiet ma kinux bħal tal-lum. Għalhekk f'każ li l-persuna kienet tkun toqgħod 'il bogħod mill-għassa, il-pulizija kien jinħtieġlu li juża mezz li kellu f'dawk iż-żminijiet li kienet ir-rota; l-aktar meta l-każ kien ikun ta' natura urġenti. Dan is-



servizz kien bi ħlas ta' tliet soldi u jekk kien isir wara l-ħamsa ta' filgħaxija, il-ħlas kien ikun id-doppju. Il-Pulizija kien jagħti rċevuta għal kull ħlas waqt li kien jirreġistra kull telefonata li ssir, id-dettalji tal-individwu li jitlob is-servizz, waqt li jintalab sabiex jiffirma fuq l-istess reġistru. Fl-1915 dan is-servizz kien twaqqaf minħabba li kien beda jopera l-*Melita Telephone Exchange*. Kien baqa' jingħata biss f'dawk l-irħula li s-servizz kien għadu ma daħalx. Uffiċjalment il-Pulizija baqgħet twassal il-messaġġi fid-djar tan-nies sal-bidu tas-snin sebgħin; għalkemm sa ftit taż-żmien ilu, kien baqa' xi każijiet iżolati fejn minn ċertu dipartimenti tal-gvern jew sptarijiet, il-Pulizija kienet baqgħet tintalab twassal messaġġi urġenti għand individwi.

**It-tqassim tal-"Ker"**

Il-ker kien provista ta' affarijiet essenzjali tal-ikel bħalma huma żejt, dqiq, butir, ġobon u xi affarijiet oħra milli kien jibgħat il-Gvern Amerikan ftit taż-żmien wara l-Gwerra; sabiex jiġu mgħejjuna familji l-aktar fil-bżonn. Il-familji eleġibbli kienu jirċievu karta sabiex biha jmorru fl-għassa tal-lokalita' tagħhom u jiġbru sehemhom. Il-Pulizija kienu jaraw li kollox kien jingħata u jitqassam skont dak li jkollhom irreġistrat. Il-Ker kien spiċċa minn Malta lejn nofs is-sebgħinijiet.

**It-Tlugħ tal-Lotterija Nazzjonali**

Ma' ħafna xogħlijiet oħra li kellha l-Pulizija u qajla nisimgħu dwarhom, insibu s-sehem li kellhom fit-tlugħ tal-Lotterija Nazzjonali. L-involviment tagħhom kien beda fi żmien wara li ntemmet it-Tieni Gwerra Dinjija; fejn bażikament il-



Pulizija kienet tara li wara li jiġu mitfugħin il-biljetti kollha fl-urna kienet ittella' l-biljetti rebbieħa minn ġol-istess urna. Din il-ħidma kienet twaqqfet ukoll lejn l-aħħar tas-sebgħinijiet.

**It-Taqsima tat-Tifi tan-Nar**

It-Taqsima tat-Tifi tan-Nar, fi ħdan il-Korp tal-Pulizija twaqqfet lejn l-1934. Qabel dan is-servizz kien f'idejn il-Militar Ingliż. Il-Pulizija Maltija kienet biss tassisti fuq il-post billi iżżomm in-nies lura mill-post tan-nirien. Kienet tagħti wkoll xi għajnuniet oħra bħal ġarr ta' xi mannek, slielem, ħbula u xi apparat ieħor. Mal-bidu tat-taqsima l-Pulizija tat-tifi tan-nar kienu jorganizzaw u jħarrġu lil tad-distrett sabiex jgħinuhom f'każi ta' nirien. Dawn kienu ordnati sabiex joħorġu l-apparat provdut milli kien ikollhom miżmum fl-għases; u joħduhom mill-ewwel fuq il-post. Meta l-*fire engine* tintalab tmur fuq il-post, membru minn tad-distrett kien imur f'tarf ir-raħal jistenna l-*fire engine* sabiex jidderiġiha u b'hekk ma jintilifx ħin. F'Settembru tal-1936, il-Pulizija Maltija kellha l-ewwel *fire engine* tagħha, (mudell Ingliż) u fuqha kellha l-kliem 'Malta Police'. Il-*fire engine* tal-militar kienet għal bidu xorta baqgħet tiġi msejħa f'każijiet ta' nirien kbar. Fl-għassa tal-Pulizija kienu jinżammu mapep fejn kien hemm indikati l-bjar tal-ilma għal 'fire engine'. Wara l-1955 l-iskwadra bdiet tatrezza ruħha aħjar b'apparat u '*fire engine*' aktar moderni.

**It-Taqsima tat-Traffiku**

Għalkemm it-Taqsima tat-Traffiku kienet tidher uffiċjalment li twaqqfet f'Novembru tal-1927, fi żmien il-Kummissarju Frank Stivala; effettivament bdiet tiġi żviluppata fi żmien il-Kummissarju ta' warajh Salvu Galea minħabba li s-Sur Stivala kien ordna x-xiri tal-ewwel muturi, sabiex din tkun tista' tibda topera. Minn qabel kienet diġa` teżisti proċedura li tikkontrolla l-vetturi f'Malta. Il-vetturi ta' dak iż-żmien kienu jikkonsistu f'karettuni, kallessi u karozzini, li kollha kienu jiġu rreġistrati u kkontrollati skont regoli apposta. Meta lejn l-ewwel terz tas-seklu li għadda l-vetturi bil-mutur bdew jiżdiedu ma' dawk eżistenti, inħasset il-ħtieġa li l-Pulizija tiġi atrezzata b'vetturi u attrezzamenti oħra għal dan it-tip ta' xogħol. Insibu li l-ewwel muturi li ntużaw mill-Pulizija għal dan l-iskop kienu b'*side car*.



Bejn tmienja u ħdax-il mutur kienu baqgħu jintużaw sas-snin sittin. Ma' tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija, seba' muturi oħra minn tal-Militar ingħataw ukoll lill-Pulizija, biex b'hekk kienet twaqqfet it-taqsima tal-muturi tat-traffiku u l-Pulizija bdew jagħmlu r-ronda mat-toroq prinċipali ta' Malta. Fil-bidu ma kienx jintlibes il-*crash helmet*, iżda kienet tintlibes beritta li kien issirlha *cover* tad-drapp abjad. L-uniformi tagħhom fil-bidu kienet il-*battle dress* u ma' dirgħajhom kienu jxiddu wkoll it-*traffic sleeves* bojod li kienu jissejħu *katusi*. Qabel daħlu dawn is-*sleeves*, il-Pulizija kienet tagħmel użu mill-lembuba sabiex jiġi mmexxi t-traffiku.

Xi ħaġa marbuta indirettament ma' din it-Taqsima, hija li ġewwa l-għases tal-Pulizija kienu jinżammu bramel bir-ramel, sabiex meta jiġi rrapportat li hemm xi likwidu perikoluz fit-triq kienet tmur fuq il-post u xxerred ir-ramel, b'hekk kienu jiġu evitati milli jsiru inċidenti tat-traffiku.





### Id-*Detective Office* (C.I.D.) u s-Sezzjoni tal-Klieb

Id-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali kif insibuh illum jaf it-twaqqif tiegħu fi żmien il-Kummissarju Claude Duncan f'Lulju tal-1917. Fil-bidu tiegħu kien imsejjaħ id-'*Detective Office*'. Kien ġie suġġerit li f'din it-taqsima jaħdmu biss dawk il-membri tal-Korp bl-aħjar livell edukattiv; għalkemm l-għażla kienet issir ukoll minn fost dawk il-membri li kellhom inklinazzjoni għal xogħol ta' stħarriġ f'reati kbar. L-ewwel membri kienu ġew imqabda josservaw dak kollu li kellu x'jaqsam ma' reati kriminali, waqt li jgħaddu dak kollu li jiskopru lill-uffiċjal tagħhom. Il-Pulizija f'dan id-Dipartiment kienu jkunu pajżana. Il-Kuntistablijiet kienu jingħataw *allowance* ta' erba' soldi kuljum, waqt li s-Surġent sitt soldi. Fi ħdan din it-taqsima kienet twaqqfet it-Taqsima tal-Klieb fi żmien il-Kummissarju Vivian de Gray f'April tal-1959. It-taqsima bdiet il-ħidma tagħha b'żewġt iklieb li kienu bdew jinżammu ġewwa d-Depot. Aktar tard ttieħdu f'post aktar 'il bogħod mir-residenti minħabba li kienu bdew idejqu l-ġirien bl-imbieħ.

Ħidmet il-Pulizija mit-twaqqif tagħha sa żminijietna kienet ferm aktar vasta minn dak kollu li ktibt dwaru. Għalkemm fil-limitazzjonijiet tagħhom, iżda bl-akbar dehen u qlubija, dejjem qdew u wensu lil ħuthom Maltin. Min-naħa l-oħra meta tipprova tifli u tidħol f'ċertu dettalji, il-ħsieb jiltaqa' mal-faxxinu antropoloġiku, li ma jkunx dejjem faċli sabiex tartikola f'linji ċertu aspetti ta' din ix-xjenza li permezz tagħha jiġi studjat u analizzat il-bniedem fl-attributi kollha tiegħu. Partikolarment wieħed jista'wkoll waqt studji fil-qasam tal-iżviluppi soċjali, japplika bħala kejl jew indikatur sabiex joħroġ l-istabbilita` tal-pajjiż fi żminijiet differenti.

### Kalkoli tal-flus Maltin fl-imgħoddi

Tmintax irbijaj = 12c 5m tal-flus Maltin; Xelin = 12-il sold (penny) ; Sold = 12-il ħabba ; Sitt ħabbiet = nofs is-sold; ċenteżmu tal-flus Maltin = ftit anqas minn żewġ soldi.

Referenzi


Ordinances Vol. 1 (57) – 1813-20
Ordini per La Guardie Urbane (F.Rivalora – 18 Aug 1813)
Attard E. 'Il-Pulizija ta' Malta 1814 – 1956', 1994
Grima J. F. 'Mill-Istorja ta' Ħal Qormi' Vol. 1, 2001
De Maria L. & Toro A. 'Atlas Mercantor' (n.d.)
Galea G. 'Xogħol u Snajja tal-Imgħoddi', 1972
Borg J. C. 'Lejl F'Casal Fornaro' - fuljett 2008
The Malta Stamp Collection 1964 - 2004





Advert

# International Police Association

*Dear Colleagues.*

**Meeting the Commissioner Mr. Peter Paul Zammit:** Following a congratulation letter and a request to meet the new commissioner Mr. Peter Paul Zammit, on the 11th June, the appointment was confirmed and at about 13.30hrs the NEC called at the Commissioner's office for the first meeting. Upon being welcomed by Mr. Zammit, our National President introduced the NEC team, then sitting around the board table, a brief was given to update the commissioner about IPA in general. The brief included the PEB, IPA Malta, statute and rules and immediate future plans, reference was made to next year IPA Malta 50th Anniversary activities. Since in 2014 the Malta Police Force will be also celebrating its 200th Anniversary on the 12th July, the Commissioner invited IPA to amalgamate our resources for the success of these two unique celebrations. During the meeting a number of topic were brought up across the board such as IBZ Gimborn, IPA training college in Germany, enrolment of new members, Arthur Troop scholarship and the 50th Anniversary Dynamic Tri-gun competition Malta 2014. Two requests were made and these were immediately verbally approved. At the end of the meeting after our President thanked the Commissioner for giving us the opportunity to meet him, Dione presented Mr. Zammit with a commemorative plaque and the group photo was taken.


IPA NEC meeting the Commissioner Mr. Peter Paul Zammit at PHQ on the 11-6-13






**IPA Israeli groups visits to Malta:** Following the 14th IPA Mediterranean Regional meeting Malta 2012 and after due co-operation between the Israeli Section and Malta Section, during the period between 15th May and 20th June 2013, six IPA Israeli groups visited Malta for their holidays on package tours, with direct flights from Tel Aviv by our national carrier AirMalta. Upon their arrival the group leaders together with the local travel

**IPA Malta 50th Anniversary tentative programme:** Following a number of NEC meetings held during the past months, the following tentative programme has been drawn up to commemorate our 50th Anniversary since Malta became a full member of the IPA family on 30th April 1964.

- ** National Executive Council meeting / NEC Elections 2014 – 2017 on 19th January 2014. The IPA Malta Section 50th Anniversary Logo will be presented.
- ** Community work on St. Joseph feast Day 19th March 2014
- ** Photographic competition / exhibition between Sunday 13th April and 1st May 2014
- ** 50th Anniversary Dinner on the 25th April for members and friends with the participation of distinguished guests.
- ** 'Thanks Given' mass at Police Headquarter on Sunday 27th April
- ** Presentation of 'Long Membership Certificates' to members
- ** Call at the Blood Bank at St. Luke's G'Mangia.
- ** Day tour to Sicily on the 7th June
- ** At ta' Kandja shooting range IPA Malta 50th Anniversary Dynamic Tri-Gun competition, between the 16th and 19th October 2014, open to all European Sections.

Advert



agents were met by the National President and the Secretary General; Romeo taking it in hand to make the necessary arrangements with regards to visits at Police Headquarters. During these visits, upon being welcomed by the NEC on behalf of the Commissioner of Police and IPA Malta, our Israeli colleagues had the opportunity to be informed about the Malta Police Force, the historical building housing Police Headquarter, which was build by the Knights of St. John, Grandmaster António Manoel de Vilhena, in 1734 and tour of the Police / Crime Museum. During the tour at the museum the groups were taken around by the museum curator Stg. Marlene, who has been doing such public relations activities, visits to PHQ, for the past six years. After the museum tour, being lunch time, the groups were then taken at the Others Rank canteen where refreshments were offered together with a selection of local traditional meat and cheese pies, better known among us locals as 'pastizzi'. Upon departure time from PHQ, to remember the visit, the usual commemorative photo between friends was taken and small gifts exchanged. As our friends proceeded to their coach, to continue their tour before calling at the airport, they were seen off by the NEC and good wishes exchanged. When the last group left on Thursday 20th June, both the Israeli organizing committee and the local Section received 'a lot of great response from the Israeli visiting members'. On our part this gives us great satisfaction, since the work performed in connection with these visits has rendered the desired results. Proset to all involved for another job well done.

**49th Anniversary shooting competition:** One of the activities to commemorate our 49th anniversary, was a Pistol shooting competition held on the 8th June, at Ta' Kandja shooting range, thanks to the commissioner Mr. Peter Paul Zammit who approved our request. Under the supervision of the Range Officer, NEC member Patrick Cassar, assisted by the National President and NEC members Lino Agius and Joe Borda, the competitors and the organising committee met at Ta' Kandja before 09.00hrs. After checking all the relative necessary documents, the competitors were divided into three groups and each group went through a five stage competition, subjected to various positions and shooting abilities. Each participant had the opportunity to fired 50 rounds. While Joe Borda assisted Patrick Cassar on the range,



Dione and Lino Agius took account of all the holes penetrating the targets. At the end of the competition the announced winner was Robert Attard with an aggregate of 199 points, runners up Donald Camilleri and third Anthony Zammit. All winners were presented with trophies

**Special mobile rates from 'Go':** Following a meeting held with 'Go' representative our association was offered the following special mobile rates for our members. Those interested are kindly invited to call the IPA office and we will give you all the necessary information regarding this scheme.
Option 1 intra 27 - Option 2 intra 28

| | | |
|---|---|---|
| Monthly Rent/ subscriber | €15 | €25 |
| Free minutes to GO mobile | 1000 | 2000 |
| Free minutes to ALL other MOBILE networks | 100 | 300 |
| Free SMS to all networks | 50 | 150 |
| Call Rate / minute outside the bundles | €0.21 | 0.21 |
| SMS (Local) | €0.05 | 0.05 |
| Mobile Internet included | 500Mb | 1Gb |
| 2 year agreement Value | €100 | €150 |

National Executive Council meeting 2014: As it has already been announced above, on Sunday 19th January 2014 our National Executive Council meeting is being held at the Association Centre Marsa, at 09.30hrs. It is to be noted that during this meeting the NEC member's elections will take place, and soon we will be announcing the call for nominations to fill in the posts of the nine NEC members. The closing date to submit your nominations will be Wednesday 20th November 2013, sixty days prior the National Executive Council meeting. Only payable members with a valid ID card will be permitted to vote or submit their nominations.

So please renew your membership as soon as possible.
Regards
IPA Executive Committee

eks-Surġent Joe Borda, PRO/Ass. Teżorier (M.A.R.P.O.)

# Police Week 2013

Din is-sena l-Korp tal-Pulizija ċċelebra l-199 Anniversarju mit-twaqqif tiegħu u għaldaqstant l-Uffiċjali tal-Kunsill, flimkien mal-membri tal-M.A.R.P.O. ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet li saru matul ix-xahar ta' Lulju.



Nhar il-Ħadd, 7 ta' Lulju, il-membri tal-Kunsill attendew għall-quddiesa li saret fil-kappella taċ-Ċimiterju Santa Marija Addolorata b'suffraġju għal ruħ l-eks membri tal-Korp. Għal din il-quddiesa attendew il-Kummissarju s-Sur Peter Paul Zammit, id-Deputat Kummissarju Joseph Cachia, is-Sur Silvio Scerri, *Chief of Staff* fil-Ministeru tal-Intern u uffiċjali tal-Korp fost oħrajn. Il-quddiesa kienet iċċelebrata mill-Kappillan tal-Korp Fr. Ray Bonnici OFMCap



Wara l-quddiesa saret is-soltu ċerimonja fuq l-oqbra tal-eks membri tal-Korp fejn tpoġġew kuruni tal-fjuri fuq il-monument mill-Kummissarju tal-Pulizija, il-*Malta Police Association*, il-*Malta Association of Retired Police Officers*, l-*International Police Association*, l-Akkademja tal-Pulizija u Ministeru tal-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali.



It-tifla ta' eks Kuntistabbli 1396 Nazzareno Seychell qrat ħsibijiet u xi riflessi dwar missierha.

Il-Ġimgħa 12 ta' Lulju, Jum il-Pulizija saret Quddiesa Solenni ġewwa l-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta, fejn attendew il-President ta' Malta Dr. George Abela, il-Prim Ministru Joseph Muscat, Membri Parlamentari, Ambaxxaturi, Uffiċjali tal-Korp, u mistiedna oħra.

Qabel il-Quddiesa kien hemm il-*Guard of Honour* taħt il-kmand tas-Supretendent Alexandra Mamo.

Is-Sibt 6 ta' Lulju kien hemm *Open Day* fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, fejn wieħed seta' jara wirja ta' vetturi antiki u moderni li ntużaw mill-Pulizija, wirja ta' ritratti rigward ħidmet il-Pulizija, *Shelter* taż-żmien il-gwerra, Wirja ta' *hobbies* u wirja ta' *pets* u tberik tal-annimali.



Saru ukoll wirjiet mill-Banda tal-Pulizija, mill-*Precision Drill Team* u mis-Sezzjoni tal-Klieb ġewwa Marsascala, il-Belt Valletta, Buġibba u Għawdex.

It-Tnejn 8 u l-Erbgħa 10 ta' Lulju, saru żewġ riċevimenti ġewwa l-Vilhena Hall għal membri tal-Korp u Pensjonanti. Ta min jgħid li din is-sena l-attendenza kienet waħda kbira ħafna.





## Ħarġa għal Għawdex

Is-Sibt 15 ta' Ġunju ġiet organizzata ħarġa għal Għawdex. Dawn il-ħarġiet huma populari ħafna mal-membri tal-Għaqda. Tlaqna mal-vapur tad-disgħa. Mal-wasla tagħna ġewwa Għawdex, sibna l-kowċ qed tistenniena. Minn hemm morna nżuru s-Santwarju ta' Pinu, u wara qattagħjna ftit ħin liberu ġewwa r-Rabat. Għal ħabta tas-siegħa ta' waranofsinhar, morna nieklu ġewwa r-ristorant li jinsab fix-Xlendi. Wara l-ikel morna d-Dwejra u Marsalforn għal aktar ħin liberu. Ġejna lura mal-vapur tas-sitta. Din id-darba ġiet organizzata xarabank għal dawk li jippreferu li ma jużawx il-vettura tagħhom saċ-Ċirkewwa u lura. Din intlaqet b'mod tajjeb ħafna.





## Mill-Imgħoddi

Ritratt sabiħ ħafna meħud fil-1920, fejn juri l-Ispettur tad-distrett, ma' żewġ Surġenti, u tnejn oħra li huma '*Acting Sergeants*'. Fit-tarf wieħed jista' jara tnejn bir-roti, li wisq probabbli kienu fuq xogħol '*Outdoor Duties.*' Xogħlhom kien iqassmu r-riferti fost oħrajn. Ħasra li ritratti bħal dawn illum spiċċaw għal kollox.

Tistgħu ssibuna ukoll fuq dan is-sit tal-*Facebook* għal aktar ritratti.

www.facebook.com/groups/169033156537654/

Grazzi.



Ex. Pc 970
Publius Buhagiar
1926 – 2013
1979 – 1987



Ex. Pc 597
Saviour Anastasi
1928 – 2013
1954 – 1974



Ex. Pc 347
Anthony Mercieca
1951 – 2013
1969 – 1980 &
1987 – 1988



Ex. Insp.
Spiridione Gauci
1932 – 2013
1951 – 1980 (Gozo)

# Agħtihom, O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem



Ex. Pc 1026
Joseph Borg
1938 – 2013
1959 – 1984

Advert

Advert Outside Back